FRAR 2007 – IS-27 SENA – GĦADD 267 – NEWSPAPER POST – IISN 1811-5373



# dawl Franġiskan

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

















3 **Grazzi u Awguri**
Editorjal

4 **Frugħa tal-Frugħat**
minn P. Donat Spiteri OFMCap

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
minn P. William Axiaq OFMCap

8 **Missjoni**
minn Mons. Francis Baldacchino OFMCap,
Isqof ta' Malindi, il-Kenja

10 **Laqgħa ma' l-Arċisqof il-Ġdid ta' Malta**

11 **Letteratura**

12 **Kif Inkitbet il-Bibbja**
minn Fr Martin Micallef OFMCap

14 **Mistrieħ Għal Dejjem**
minn Emily Barbaro-Sant

16 **Ġi.Fra**
minn Kristian tabone

17 **Hawn Jien**
minn Br Dennis Calleja OFMCap

18 **OFS**
minn P. Frans Abela Giusti OFMCap

19 **Saħħtek**
minn Dr Tonio Piscopo MD, MRCP (UK), DTM&H (Lond.)

20 **Professjoni Perpetwa**

22 **Alla - Missier u Omm**
minn Manuel Micallef

24 **Min hu Satana**
minn Fr Franco Fenech OFMCap

25 **Tweġiba**
minn P. William Axiaq OFMCap

26 **Il-Familja fl-Ewropa - QUO VADIS?**
minn Joe Flask

28 **It-Talb mal-Morda**
minn Fr John Vella OFMCap., S.Th.Lic. (Pastorale Sanitaria)

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Kantanti b'Messaġġ**
minn Laurence Attard


**Ħlas ta' l-Abbonament: Lm4 fis-sena.**

Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:

**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14**



**Qoxra:**
**San Franġisk iħaddan il-kurċifiss.**
*Pittura taż-żejt fuq it-tila maħdumha minn Francisco Ribalta madwar is-sena 1620 u tinsab fil-mużew ta' l-arti f'Valencia, Spanja.*


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
P.E.G. Ltd., San Ġwann.
Tel: 2144 0083

*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*



© Dawl Franġiskan 2007
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini








# GRAZZI U AWGURI

**Il-Knisja hija l-komunità li tressaq lill-bnedmin lejn xulxin fi Kristu u tagħmilhom familja waħda bejniethom fih. Minn fost il-poplu tiegħu Kristu jagħżel persuni li permezz ta' l-Ordni Sagri huma jgħallmu, iqaddsu u jmexxu bl-awtorità tiegħu lill-merħla ta' Alla. Huma jmantnuha bil-qadi tagħhom ħalli l-kmandament ta' l-imħabba jingħex fi ħdan il-komunità b'mod l-aktar sħiħ.**

Santu Wistin ifisser ir-responsabbiltà li l-ministeru ta' Isqof iġorr miegħu b'dan il-kliem: **"Dak li jiena għalikom ibeżżgħani; dak li jien magħkom ifarraġni. Għalikom jiena isqof, imma magħkom jiena nisrani. Ta' l-ewwel huwa dmir, imma ta' l-aħħar hija grazzja. Ta' l-ewwel huwa periklu, imma ta' l-aħħar ħelsien."**

Anke jekk ir-responsabbiltà li għaliha ġie msejjaħ l-Arċisqof il-ġdid ta' Malta Mons. Pawl Cremona O.P. hija kbira, il-Mulej qatt mhu se jħallih waħdu fit-tmexxija tal-poplu tiegħu. Huwa dejjem se jipprovdilu persuni u jnebbħu b'ideat u inizzjattivi li permezz tagħhom ikun jista' jieħu ħsieb bil-qalb u mħeġġeġ mill-imħabba l-merħla ta' Alla afdatha f'idejh. Filwaqt li nawguraw minn qalbna lil Mons. Cremona li l-Mulej għoġbu jagħżlu bħala r-ragħaj tal-Knisja tiegħu f'Malta, għax inħobbuh u ngħożżuh nixtiequ nfakkruh fil-kelma li San Pawl jikteb lill-Isqof San Timotju, **"Nitolbok bil-ħerqa, quddiem Alla u Kristu Ġesù, ... xandar il-kelma, insisti f'waqtu u barra minn waqtu, ċanfar, widdeb, wissi, bis-sabar kollu u bit-tagħlim. Għax għad jiġi żmien meta għat-tagħlim tajjeb ma jibqgħalhomx sabar, iżda widnejhom jikluhom u jiġbru madwarhom qabda mgħallmin skond ma jixtiequ, u jwarrbu widnejhom mis-sewwa biex jiġġerrew wara l-ħrejjef. Imma int oqgħod dejjem b'għajnejk miftuħa, stabar fit-tiġrib, agħmel ħidma ta' evanġelista, aqdi sewwa l-ministeru tiegħek"** (2Tim 4:1-5).

Għażiż Mons. Cremona, kemm nitolbu li din il-kelma tagħmilha tiegħek u bil-qawwa ta' Kristu tiżreġ fik!

Minn naħa tiegħu, Mons. Ġużeppi Mercieca għamel kemm sata' biex jgħix din il-kelma skond iż-żminijiet li fihom qeda lill-Mulej u lill-Knisja tiegħu bħala Arċisqof. Ma' San Pawl, l-Arċisqof Mercieca jista' jgħid: **"Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja, ħarist il-fidi"** (2Tim 4:7). Għażiż Mons. Mercieca, niżżuk ħajr ta' ħidmietek fostna. Jalla l-Mulej ixedd fuq rasek **"il-kuruna tal-ġustizzja"** (2Tim 4:8) li rafa' għalik u għal dawk kollha li bħalek iddew fostna bħala nies mimlija mħabba tal-Mulej.

Alla li jkabbar jagħti lilek, Mons. Cremona, l-għaqal, il-qawwa u l-perseveranza u lilek, Mons. Mercieca, is-sliem u l-barka. Ejjew nitolbu bi mħabba għal dawn iż-żewġ ħutna ħalli l-Knisja ta' Kristu tkompli tinbena, tissaħħaħ u ssalva lil pajjiżna u lid-dinja! •

# Frugħa Tal-Frugħat



"O frugħat tal-frugħat, jgħid Kohelet, O frugħa tal-frugħat! Kollox frugħa!" Hekk jibda l-awtur ta' dan il-ktieb u hekk jibda sejjer sa l-aħħar. Kull ma hawn fuq wiċċ din l-art, kollu ħażin għalih. Ma jara xejn tajjeb. Għandna raġun ngħidu li kien pessimista għall-aħħar?



Kohelet hu l-isem ta' l-awtur tal-ktieb li jġib dan it-titlu. Hu isem fittizju, li l-awtur għoġbu joħloq u jagħti lilu nnifsu. Bih fehem ifisser l-iskop tal-kitba tiegħu: li jgħallem u jwissi jew li jagħmilha ta' **"predikatur"**. Hekk tfisser il-kelma kohelet, mill-kelma qahal, li tfisser **"ġemgħa"** tal-poplu. Għalhekk it-titlu ta' dan il-ktieb bil-Grieg hu Ekklesiastes, li huwa dak li jsejjaħ il-ġemgħa jew jiġma n-nies madwaru biex ikellimhom, jgħallimhom u jwissihom. U jwissihom sewwa, qisu xi predikatur li ma jafx jgħid ħlief kliem ta' tbeżbiż, twiddib u kundanna. Dan hu l-pessimiżmu ta' Kohelet, jekk għandna nsejħulu hekk.

Imma l-awtur hu u jħares lejn din il-ħajja taħt il-kappa tax-xemx u jiżen il-valuri tagħha, ma jsib xejn tajjeb u sabiħ fiha – la l-hena u l-pjaċir, la l-ikel u x-xorb, la l-għana u l-ġid, u lanqas l-għaqal u l-għerf (2:1-22; 5:9-16). Saħansitra l-għerf li hu tant imfaħħar mill-awturi l-oħra tal-kotba ta' l-għerf, bħala l-akbar don t'Alla lill-bniedem (Prov 2:1ss, 9:1ss; Għerf 8:1-9, 18; Sir 24:1-22; u l-bqija). Imma Kohelet ra l-frugħa fl-għerf ukoll! Tassew li kellu quddiem għajnejh aspett ieħor ta' l-għerf; tkellem mill-għerf li l-bniedem jikseb mill-ħila tiegħu biex ikun jaf ħafna fuq l-art; tkellem mill-għerf ta' dak kollu li jsir taħt is-sema... **"Rajt l-għemejjel kollha li jmissu taħt ix-xemx, u ara x'sibt: kollox frugħa u ġiri wara r-riħ... Għax il-kotra ta' l-għerf iġġib ħafna tħassib u aktar ma taf aktar għandek biex titnikket"** (1:13-18).

Pessimiżmu? Mhux għal kollox. Din hi wkoll il-verità. L-għerf ta' l-art, bħall-ġieħ u l-għana ta' din l-art, żmien qasir għandu, sa tmiem il-bniedem biss iwassal. B'għerfu kollu l-bniedem ma jtawwalx għomru u ma jeħlishiex mill-mewt. Kohelet kellu quddiem għajnejh din ir-realtà u fuq l-Isfond tagħha rraġuna kif irraġuna.

**"U x'għandu aħjar l-għaref mill-iblah, jew il-fqir li jaf imur tajjeb mall-ħajjin...? Min jaf x'inhu tajjeb għall-bniedem f'ħajtu, tul il-ġranet magħduda tal-ħajja fiergħa tiegħu li hu jqatta' bħal dell? Min jista jurih lill-bniedem x'għad isir warajh taħt ix-xemx?"** (6:8-10).



L-awtur ta' dan il-ktieb kien għadu ma jafx li għall-bniedem ikun hemm ħajja oħra wara din, kif nafu u nemmnu aħna llum. Għalih mal-mewt kien jispiċċa kollox għall-bniedem. Għalih il-mewt kienet tfisser tmiem il-ħajja u magħha t-tmiem ta' kull ġid li l-bniedem seta' jkun kiseb fuq l-art.

**"Dak li jiġri lill-bniedem jiġri l-bhima għax it-tnejn tmiem wieħed għandhom; bħalma tmut il-bhima jmut ukoll il-bniedem għax l-istess hu nifs il-ħajja li hemm fihom ilkoll... U min jaf kemm nifs il-ħajja tal-bniedem jitlax 'il fuq u nifs il-ħajja tal-bhima jinżilx 'l isfel lejn l-art?"** (3:19-22).

Kohelet u ħafna mil-Lhud ta' żmienu kienu għadhom ma jafux li hemm ħajja oħra għall-bniedem wara din il-ħajja ta' l-art. Ir-rivelazzjoni ta' din il-ħajja kienet għadha ma waslitx f'dan il-grad. Ma kinitx 'il bogħod wisq jew kienet diġà bdiet tidher xi ftit. Il-ktieb ta' Kohelet inkiteb għall-ħabta tas-sena 250 QK. Warajh, bejn is-snin 150-100 QK inkitbu ż-żewġ kotba tal-Makkabin, il-ktieb ta' Danjel u l-ktieb ta' l-Għerf. F'dawn kollha nsibu r-rivelazzjoni tal-qawmien mill-imwiet u tal-ħajja ta' dejjem ma' Alla għall-bnedmin ġusti kollha (2Mak 6:26; 7:9; Għerf 3:1-9; Dan 12:2-3).

Din ir-rivelazzjoni mxiet bil-mod fl-istorja tal-poplu ta' Alla ta' Iżrael. Fl-aħħar seklu kienet waslet fi tmiemha jew aħjar fuq l-għatba tar-rivelazzjoni sħiħa tagħha. Din seħħet bir-rivelazzjoni tal-qawmien ta' Ġesù mill-mewt u tal-ħajja ta' dejjem mwiegħda lil dawk kollha li jkunu għexu u mietu fl-għaqda miegħu.

Din hi issa l-fidi. Imdorrijin kif aħna fid-dawl ta' din il-fidi, il-kliem ta' Kohelet li bih juri li ma kienx jaf bil-ħajja ta' dejjem, joffendina u jfixkilna. Imma rridu nikkumpatuh, għax ma kellux ir-rivelazzjoni li għandna. Fl-istat attwali tal-kultura tiegħu ma setax jara aħjar jew jirraġuna mod ieħor fuq il-valuri tal-ħajja. Ladarba kien jaħsibha hekk, li mal-mewt kollox jispiċċa għall-bniedem, ma kellux ragun jghid u jtenni: O frugha tal-frugħat! Kollox frugħa!"?

Ir-rivelazzjonijiet tiegħu jgħoddu għalina wkoll. Għalkemm nafu u nemmnu li l-ħajja vera tagħna m'hijiex ta' din l-art, iżda dik li hemm tistenniena fil-ħajja ta' dejjem ma' Alla, nintrabtu wkoll ma' din l-art u mal-ġid tagħha. Aktar minn Kohelet aħna jmissna nagħrfu u nistqarru li l-għana u l-ġid u l-ġieħ u l-għerf ta' din l-art għandhom biss valur relattiv għalina. Jiswewlna biss sakemm jgħinuna biex naslu għall-ħajja ta' l-hena tassew. Mill-bqija fihom infushom huma tassew **"frugħat"**. Kohelet kellu raġun! •



# APPOSTOLAT TAT-TALB

***Intenzjonijiet tal-Papa u ta' l-Isqfijiet tagħna għas-sena 2007.***

## L-OFFERTA TA' KULJUM

Alla Missier, noffrilek dan il-jum, bit-talb, il-ħsibijiet, il-kliem, il-ħidma, il-ferħ u t-tbatija kollha tiegħi f'għaqda sħiħa ma' Ġesù Ibnek, li jkompli joffri lilu nnifsu fl-Ewkaristija għall-ħelsien tad-dinja. Agħmel li l-Ispirtu s-Santu, li mexxa lil Ġesù, imexxi lili wkoll u jkun ta' qawwa għalija biex inkun xhud ta' l-imħabba tiegħek. Ma' Marija, omm il-Mulej u omm il-Knisja, nitolbok b'mod speċjali skond il-fehmiet tal-Papa għal dan ix-xahar.

## FRAR

- **Biex il-ġid ta' l-art mogħti minn Alla lil kulħadd jitqassam b'ġustizzja u solidarjetà.**
- **Biex il-gvernijiet kollha jikkollaboraw b'aktar ġenerożità fil-ġlieda kontra l-mard u l-epidemiji fit-Tielet Dinja.**
- **Sabiex ma nagħlqux għajnejna quddiem il-faqar u t-tbatija li jeżistu fid-dinja, imma nħossu għal min qed isofri u nippruvaw ngħinuh.**



# TELESKOPJU FUQ IL-ĦAJJA

Se nitfgħu l-attenzjoni tagħna fuq erba' ħsibijiet. Tnejn minnhom huma ġodda għalina. Il-bqija x'aktarx li ilna li ndunajna bihom. Forsi dak li ma għamilniex hu li ma waqafniex fuqhom fit-tul. Nittama li jkunu riflessjonijiet li jkunu ta' għajnuna għalina u għall-oħrajn fil-kuntatti tagħna magħhom.



## SORBET SEX

Hawn nisa miżżewġin separati li tgħidx kemm iħossuha l-firda tagħhom minn żwieġhom. Dawn issibhom li jibku ħafna, ikunu mdejqin matul il-ġurnata, ma jistgħux jinsew lir-raġel li forsi mar jgħix ma' mara oħra, xebba jew miżżewġa u separata. Huma jħossu li ma jafux x'se jaqbdu jagħmlu għall-futur, ittraskuraw persunithom minn dak inhar li ħalliehom żewġhom... Lil dawn in-nisa xi persuni rresponsabbli qed jissuġġerulhom bl-ikbar naturalezza, qisu ma ġara xejn, sorbet sex bħala rimedju u soluzzjoni, biex jinsew lil żwieġhom u jħossuhom daqslikieku ma għadhomx miżżewġin.

Sorbet sex ifisser relazzjoni sesswali ta' darba biss, bla ebda intenzjoni ta' rabta għall-ġejjieni, ta' mara separata ma' raġel possibbilment barrani, li tmur tfittxu hija stess bla ma tkun tafu minn Adam.



Hija tirrikorri għand dan ir-raġel għall-pjaċir disordinat biss, biex, minn għaliha, terġa' tikseb fiduċja fiha nnifisha u toħroġ mix-xokk li tkun ikkaġunatilha s-separazzjoni.

Bil-kultura tas-sorbet sex dieħla drawwa fis-soċjetà tagħna li qed tkompli tnawwar iż-żwieġ ta' dawk it-talin li huma mitluqin minn żwieġhom. Hija okkażjoni ta' dnub kontra l-fedeltà fiż-żwieġ. Dan ifisser ksur ta' wegħda solenni li dik li tkun trid tibqa' tħarisha anki f'ċirkostanzi diffiċli u tqal fil-ħajja ta' weħidha peress li r-raġel ikun ħalliha. Ir-raġel li jkun ħallieha ma tistax isejjaħlu l-ex-raġel tagħha, għaliex fil-fatt għadu żewġha, għamel x'għamel.

Bis-sorbet sex b'kollox, il-ħajja tal-mara, anki ta' ċerta età avvanzata, ma ssirx ward u żahar, kif qed jingħad biex l-abbuż ikompli jinxtered daqslikieku ma hu qed jiġri xejn ħażin. Hu ta' dannu kbir għall-mara li tipprattikah. Maż-żmien tibda tħossha li ġiet użata u mhux maħbuba u iżjed tibda tħossha mdejqa, anzi maħkuma minn depressjoni. Fid-dnub ma hemmx ħajja hienja. Fix-xalar mhux f'postu hemm il-mewt. Fl-isfrattu hemm d-diżappunt. Id-diversiv qiegħed fil-ħarsien tal-liġi ta' Alla u f'xejn iżjed. Min ma jħarishiex huwa jmur minn taħt. Jimtela b'sens qawwi ta' rimors u ħtija li jgħarraqha mhux biss psikoloġikament u finanzjarjament, imma fuq kollox spiritwalment.

**Mulej, żommni dejjem bil-għaqal bħala mara separata, għax hawn ħafna xi jfixkilni biex ma nibqax hekk.**

## PERSUNI RRESPONSABBLI

Meta d-direzzjoni ta' ċerti gazzetti kkuntattjat lil xi nisa li pprattikaw is-sorbet sex biex jagħtuhom l-opinjoni tagħhom wara li fattruha, ħafna drabi qalulhom li kienu nisa oħrajn li webbluhom b'din il-prattika moralment oġġezzjonabbli. Dawn it-talin, daqslikieku xejn, ħeġġuhom fuq li ħeġġuhom, ħalli jħalluhom

mill-psikjatra u minn għajnuniet oħrajn u jagħtuha, speċjalment fi tmiem il-ġimgħa, għal-ħajja sesswali bla ġieħ u bla rażan.

In-nisa li qegħdin iħajru lil nisa separati biex jagħtuha għas-sorbet sex qegħdin jagħmlu hekk l-ewwel u qabel kollox għaliex huma nisa mhux responsabbli ta' azzjonijiethom. Mara li għamlet l-esperjenza ħażina u orribbli ta' sorbet sex stqarret li kienet il-ħabiba tagħha li tatha parir biex issib raġel li ma tafux u toħroġ darba miegħu ħalli tinsa d-dwejjaq tal-ħajja. Nistaqsi: nistgħu nsejħu parir inċitament għad-dnub? Parir hekk? Parir meta persuna ddawlek biex tagħmel dak li hu tajjeb u magħġub quddiem Alla. Barra minn hekk, persuna li ssuqek bla heda biex tagħmel dnub kbir tista' tissejjaħ ħabiba? Il-ħbieb dawk li jbegħduk mis-sewwa? Ħbieb huma dawk li jibnuk u mhux jippruvaw jaraw kif se jagħmlu biex iħottuk minn butek u minn ruħek!

Dawk li qed iħajru lil nisa oħrajn biex jagħtuha għal din il-ħajja, ħafna drabi huma dawk li, għax ipprattikawha huma stess din il-ħaġa, ma jkunux kuntenti qabel ma jaraw nisa miżżewġin bħalhom jagħmlu l-istess ħaġa huma wkoll, biex minn għalihom jtaffu l-kuxjenza li ma tħallihomx kwieti. Ara x'malizja! Oħrajn jazzardaw saħansitra jgħidu lin-nisa mdejqin lil min għandhom ifittxu biex jidinbu u fejn jistgħu jsibu ma' min iridu joffendu 'l Alla bl-ikrah. Ħaddiema nisa fuq ix-xogħol tgħidx kemm jippumpjaw lil nisa ffrustrati biex imorru jsibu Bulgari, Afrikani, Ingliżi u saħansitra irġiel Maltin biex ineħħu d-dwejjaq tagħhom b'mod ħażin. Ara ċerti nisa bla Alla fejn kapaċi jaslu f'ħajjithom!

Nawgura lin-nisa li tkellimt dwarhom biex ma jkomplux jagħmlu ħsara spiritwali fil-ħajja ta' nisa li bi żball isejħulhom sħabhom. Jekk iħobbuhom tassew qatt ma jikkomplikawlhom ħajjithom.

**Mulej, agħmilni responsabbli ta' għemili.**

## ANALFABETIŻMU FL-IMĦABBA

Xi miżżewġin huma tal-fehma li fiż-żwieġ bizzejjed żewġ affarijiet: attrazzjoni fiżika lejn is-sieħeb/ sieħba u integrazzjoni sesswali, jiġifieri li t-tnejn isibu posthom flimkien sesswalment, biex ma jinħolqux problemi. Dawn it-talin jaħsbu li l-valuri l-oħra fiż-żwieġ jiġu weħidhom, jaqgħu mis-sema ħelu ħelu!

Il-ġibda fiżika tar-raġel u l-mara lejn xulxin fiż-żwieġ hija importanti u meħtieġa ħafna. L-integrazzjoni sesswali wkoll. Għalkemm il-ħajja sesswali fiż-żwieġ tifforma perċentaġġ żgħir, madankollu għandha importanza liema bħala. Biżżejjed qabża sal-qorti fil-prima u s-seconda awla, jew inkella sat-Tribunal tal-Knisja, biex nikkonfermaw dak li għadni kemm għedt. Iżda dawn iż-żewġ affarijiet weħidhom ma jagħmlux żwieġ tajjeb. Iż-żewġ affarijiet li semmejt weħidhom x'aktarx iwasslu għal ħajja superfiċjali fiż-żwieġ, għat-tradiment, għat-tnessija ta' xulxin, għall-banalizzazzjoni tas-sesswalità fiż-żwieġ li ġġenneb malajr l-aspett ta' tenerezza li hija indispensabbli f'relazzjoni sesswali ordinata. Ma niskantawx jekk żwiġijiet ta' l-għamla li semmejt – jekk jixirqilhom l-isem ta' żwieġ – huma żwiġijiet imwaħħlin biss bil-bżieq. Ma humiex konsistenti fihom infushom. Ma humiex magħqudin. Maż-żmien isiru bċejjeċ. Forsi mhux hekk qed jiġri f'diversi żwiġijiet? Dan ifisser li xi miżżewġin ma jafux sewwa l-ABC tal-ħajja miżżewġa. Huma sajmin minn dak li huwa elementari fir-relazzjoni ta' bejniethom bħala koppja miżżewġa: fedeltà, komunikazzjoni, rispett, qima, mistħija f'postha fiż-żwieġ, imħabba, delikatezza, premura...

**Mulej, ġagħalna nifhmu li ż-żwieġ tagħna għandu l-grammatika tiegħu, u mingħajrha ma nistgħux immexxu sew.**

## DALAI LAMA

Il-borma tal-ġara nxommuha tfuħ iżjed mill-borma li tkun sajretilna ommna b'tant imħabba. Ma hemmx x'tagħmel, dan huwa fatt. Qed jiġri li xi Kattoliċi iżjed qed jaqraw il-kotba li kiteb u qed jikteb id-Dalai Lama jew oħrajn li qed jiktbu fuq dak li qed jgħallem hu, milli qed jinteressaw ruħhom f'qari ta' kotba li għandhom x'jaqsmu mar-reliġjon tagħna.

Xi Kattoliċi iżjed qraw il-kotba tad-Dalai Lama milli qraw il-Bibbja jew kotba oħrajn li jgħinuhom biex jiggustaw aħjar ir-reliġjon li jistqarru jew biex jibdew jagħmlu hekk. Altru taqra l-kotba ta' mexxejja ta' reliġjonijiet oħrajn waqt li tkun qed taqra fuq ir-reliġjon tiegħek, u altru taqra l-kotba tad-Dalai Lama u m'intiex taqra kotba fuq ir-reliġjon li tagħha inti tagħmel parti għax inti membru tagħha. Huma ftit dawk it-talin li mill-qari tal-kotba tad-Dalai Lama jgħaddu biex jinteressaw ruħhom fil-kotba li qed jinkitbu fuq ir-reliġjon Kattolika.

Il-kotba tad-Dalai Lama għandhom fihom ċerta dinamika, naturalment inkonxja, li tista' taqlibhielek daqslikieku xejn fejn tidħol ir-reliġjon nisranija. Hemm differenza kbira bejn ir-reliġjon tagħna u dik Buddista. •

**Mulej, agħmel li nħobb ħafna r-reliġjon tiegħi fuq kull reliġjon oħra, li nista' ninteressa ruħi fiha għax togħġobni.**

## Il-Milied

In-nies kollha tar-raħal iqattgħu tlett ijiem taħt is-siġar tal-pjazza fi gruppi ta' rġiel, ta' nisa, ta' xebbiet u ta' ġuvintur; u t-tfal bħall-fjuri jferrħu lil kulħadd. Joħorġu ftit flus u joqogħdu jitkellmu u jixorbu t-tè msajjar min-nisa u l-bniet tagħhom. Dan joħloq ambjent ta' ferħ u festa, ilaqqagħhom flimkien, isaħħaħ l-għaqda ta' bejniethom u jsewwi xi ħbiberiji mxellfin matul is-sena. Hu wkoll żmien li t-tfal jispiċċaw mill-iskejjel sekondarji u l-bniet u s-subien jibdew iħarsu lejn xulxin!

## Kulħadd f'postu

Xi quddiesa jew laqgħat ġieli jsiru f'xi raħal u mqar fil-għalqa ta' xiħadd, fejn jattendi kulħadd. L-ewwel kotra kbira ta' tfal tokkupa l-ftit siġġijiet, bankijiet u banketti. Imbagħad jaslu l-ommijiet u t-tfal isibu xi ġebla, barmil, biċċa zokk... u jċedu l-postijiet għan-nisa. Fl-aħħar jaslu l-irġiel u n-nisa jieħdu post it-tfal, li jagħtuhom xkora jew ħasira fuqhiex joqogħdu bilqiegħda fl-art.

## Il-Mistieden

Hemm iktar minn drawwa waħda:

1. Kulħadd jiġi servut, u l-mistieden joqgħod jistenna l-ikel, fl-aħħarnett jieklu l-irġiel, in-nisa, u fl-aħħar it-tfal li jlaqqtu kollox;
2. Meta tkun mistieden għand familja, ir-raġel joqgħod jitkellem mar-raġel li stiednu u l-mara ġġibilhom l-ikel imma ma tersaqx tiekol magħhom. Hi tiekol fil-kċina ma' wliedha.
3. Tista' tilqa' stedina u tieħu kejk miegħek bil-ħsieb li jitqatta' wara l-ikel u jduqu kulħadd. Il-kejk jidħol fil-kċina u lanqas biss tarah b'għajnejk. Dak hu dak li ġibt int u dak li kilt hu dak li tawk huma!
4. Wieħed jista' jmur iżur lil xiħadd ieħor waqt l-ikel bla biża' ta' xejn. Dak li jkun hemm jinqasam bejn kulħadd. Ikla daqsxejn inqas darba fil ma tagħmel ħsara lil ħadd.

# DRAWWIET KENJANI



"Meta tkun mistieden għand familja, ir-raġel joqgħod jitkellem mar-raġel li stiednu u l-mara ġġibilhom l-ikel imma ma tersaqx tiekol magħhom. Hi tiekol fil-kċina ma' wliedha."

Fid-Dar

- Ħadd ma jista' jidħol fil-kamra tal-ġenituri. Imqar saċerdot jew tabib li jidħol jara marid ma jistax joqgħod bilqiegħda fuq is-sodda tal-marid.
- Aħwa bniet u subien wara ċerta età ma jistgħux jidħlu fil-kamra ta' xulxin, anki għall-bżonn. Tifel jitlob 'l oħtu l-oħra jew 'l ommu biex iġġiblu l-ktieb mill-kamra t'oħtu...!
- Lanqas il-missier ma jista' jidħol fil-kamra ta' bintu, jew l-omm f'dik ta' binha.
- Mal-pubertà t-tifel jaqa' f'idejn missieru u t-tifla f'idejn ommha u ma jindaħlux wisq lil xulxin, ħlief fejn ikun hemm bżonn kbir.
- Malli jaqbad jikber, it-tifel jingħaqad ma' sħabu ta' mpar tiegħu, u fl-għalqa ta' missieru jibnu l-għarix żgħir tiegħu daqs żewġ metri kwadri li jkun fih sodda, mejda, siġġu u kaxxa bil-ftit ħwejjeġ li jkollu.
- Bosta minn dawn it-tfal, anki subien, jaħslu ħwejjiġhom huma. Ħadd ma jaħsel il-ħwejjeġ ta' taħt ta' ħaddieħor lanqas il-mara dawk ta' żewġha (ħlief li issa qed tidħol il-magna tal-ħasil).
- Fejn id-drawwiet għadhom imħarsa sewwa, it-tifla hi taħt ħuha, imqar jekk iżgħar minnha.Jekk jiġi xiħadd jixtri xi frott, it-tifla tħallih f'idejn ħuha jew tistaqsi lilu.
- Omm li taf li binha kien qed jilgħab mat-tifel tal-ġara, jekk ma jiġix jorqod id-dar teħodha li omm sieħbu żammitu jorqod ma' binha; l-istess jekk tifla tmur ma' ħabibtha.
- Kull mara u raġel ta' mpar il-ġenituri tiegħek trid tweġġagħhom daqslikieku kienu l-ġenituri tiegħek, toqgħod għat-twissijiet tagħhom, u tagħmlilhom il-qadi li jkun meħtieġ. Ġieli ġara li mara xiħa twaqqaf tifla sejra l-iskola u tibgħatha tixtrilha... u dik tasal l-iskola tard!)
- Jekk adult iċanfar u jakkuża tifel b'xi ħaġa, imqar jekk mhux veru, it-tifel għandu jżomm is-skiet u jilqa' l-kastig. Imma jekk jiġi mistoqsi, jista' jiddefendi ruħu. Għalhekk dejjem għandek tibda billi tistaqsi t-tifel jekk hux veru li għamel hekk jew hekk.
- Ħadd ma jibda l-jum bla ma jaħsel snienu, imqar jekk juża zokk imselsel. Ħadd ma jiekol bla ma jkun ħasel idejh, imqar jekk ġej mid-doċċa. Hi biss ċerimonja!
- Illum bosta jieklu bil-furketta, imma l-ikel dejjem fih togħma aħjar jekk jittiekel bl-idejn. Studenti Kenjani f'Londra jew fi New York, darba kultant jiltaqgħu biex jieklu b'idejhom. Kien hemm xi każ ta' xiħadd li tressaq il-qorti akkużat li xtara pet u qatlu. Grupp irġiel iċċelebraw il-festa nazzjonali ta' pajjiżhom billi bħal dejjem xtraw gidi, xwewh u kiluh flimkien. Immaġina l-qtil tal-fniek f'Malta!
- Tifla (imqar ta' tliet snin) tingħata l-kura ta' ħutha ż-żgħar. Dejjem iġġorr wara daharha t-tarbija t'ommha, taħsilha, tlibbisha u tilgħab magħha. Hi u tikber, jekk tmur għad-duttrina teħodha magħha u jekk tmur għall-quddiesa ddaħħalha magħha wkoll.Jekk taqbad tibki, toħroġha barra biex tara x'għandha.

Tifla ta' sitt snin diġà taf isajjar għall-familja kollha! Taf kemm trid qamħirrum, kemm ilma u kemm melħ u żejt. Taf tkebbes in-nar u tpoġġi l-borma biex issir. Ftit kmieni u ftit tard huma xorta waħda. Meta l-ikel isir, ftit kmiemi u ftit tard ikun xorta waħda għalihom. •



# L-ISQOF TA' MALINDI F'MALTA

L-Isqof tad-Djoċesi ta' Malindi, Mons. Francis Baldacchino OFMCap jinsab Malta għall-granet ta' mistrieħ mill-ħidma tiegħu missjunarja fid-Djoċesi ta' Malindi, il-Kenja. Mons. Baldacchino ħa sehem fl-Ordinazzjoni ta' l-Arċisqof il-ġdid ta' Malta, Mons. Pawl Cremona OP nhar is-26 ta' Jannar 2007. Mons. Baldacchino se jirritorna fil-Kenja fid-19 ta' Frar 2007. Nawguravlu mistrieħ sakemm idum fostna u ħidma fejjieda fost il-Kenjani fdati f'idejh. •

# FR FRANCO FENECH OFMCAP KAPPILLAN CCF FL-LAQGĦA PRIVATA MA' L-ARĊISQOF IL-ĠDID TA' MALTA

**L-aħbar ta' l-għażla ta' Patri Pawl Cremona OP, bħala Arċisqof ġdid tad-djoċesi ta' Malta intlaqgħet b'feħ kbir minn kulħadd. Fi ftit jiem, it-tbissima tiegħu u l-kelma sempliċi imma profonda tiegħu daħlu fil-qlub u kulħadd ħass li l-Mulej kien ta rigal sabiħ lill-Knisja f'Malta. Jiena stajt nara r-reazzjoni ta' sodisfazzjon u ta' ferħ anki fost ir-residenti tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin li malli semgħu l-aħbar mill-ewwel ressqu proposta biex jien, bħala l-kappillan tagħhom, inwassal l-awguri tiegħi lill-Patri Pawl.**



Fil-fatt nibtet l-idea li jinġabru l-firem tar-residenti fi ktieb apposta u wara dan l-istess ktieb jitwassal minni għand l-Arċisqof maħtur. Fil-fatt il-ktieb sar u fuq il-paġna ta' quddiem kitbu messaġġ li jgħid:

"Għażiż Mons. Pawlu Cremona, aħna priġunieri fil-CCF, flimkien mal-Kappillan tagħna Patri Franco Fenech Kapuċċin, fraħna ħafna bl-għażla tiegħek bħala ragħaj tal-Knisja f'Malta. Nixtiequ għalhekk flimkien miegħek nirringrazzjaw lil Alla għal dan ir-rigal hekk kbir u nwegħduk li niftakru fik fit-talb tagħna biex fik naraw lilu li hu r-ragħaj it-tajjeb tagħna.

Nitolbu l-barka tiegħek fuqna u fuq il-familji tagħna u b'ħerqa nistennew iż-żjara tiegħek fostna fil-CCF.

Uliedek fil CCF

Illum 2 ta' Diċembru 2006."

Wara dan il-messaġġ segwew paġni sħaħ ta' firem tar-residenti tal-CCF, 'il fuq minn 300 firma. Kull firma tfisser persuna, imma mhux biss! Tfisser storja għax kull wieħed għandu l-istorja tiegħu u tfisser familja li ma' kull priġunier taqsam it-tbatija.

Meta ċempilt lill-Isqof maħtur biex jagħtini ġurnata ħalli nkun nista' nwassal dan il-ktejjeb, hu laqa' bil-ferħ din l-inizjattiva u ġiet magħżula d-data tad-29 ta' Diċembru 2006 fis-6pm. Kont ħerqan li jasal dak il-jum għax għalkemm kont diġà midħla sew ta' Patri Pawl, imma kien għad ma kellix l-okkażjoni li niltaqa' miegħu wara li ġie maħtur bħala Arċisqof. Wasalt il-kunvent tal-Patrijiet Dumnikani f'Tas-Sliema u kif dħalt sibt lil Patri Pawl isellem lil xi persuni li kellhom appuntament miegħu qabli. Mill-ewwel ġie fuqi u dħalna f'uffiċċju fejn għaddejna ħin nitkellmu dwar il-priġunieri li hu ma waqafx isejjaħ 'Ħutna'. Wera interess kbir fihom u qalli li aħna bħala Knisja hemm bżonn li nkunu viċin ta' dawn Ħutna li qegħdin ibatu. Qalli biex nirringrazzjahom ta' l-awguri u l-istedina biex iżur il-CCF, talabni nwassal it-tislijiet tiegħu u l-barka tiegħu. Qabel ħallejna lil xulxin qalli: 'Għidilhom li qed nitlob ħħalihom'.

Ngħid is-sewwa ħriġt mingħandu ferħan għax ħassejt li Patri Pawl għandu qalb kbira, qalb ta' missier li jaf iħobb u jħares lejn kull persuna bl-għajnejn ta' Alla. Ħassejt li din il-laqgħa kienet għalija rigal u mill-ġdid faħħart lil Alla li permezz ta' l-Ispirtu tiegħu għażel lil Patri Pawl bħala ragħaj tagħna lkoll. •

## RIŻULTAT TAL-LOTTERIJA B'RIŻQ IL-MISSJONI KAPUĊĊINI LI TELGĦET FIS-7 TA' JANNAR 2007

**L-EWWEL PREMJU**
*Żewġ biljetti Vjaġġ għal Londra*
Nru. tal-Biljett: 50765
Intrebaħ minn:
**SUNTA TABONE**
**12, Qala Road, Nadur, Għawdex.**

**IT-TIENI PREMJU**
*Television tal-Kulur*
Nru. tal-Biljett: 64007
Inrebaħ minn:
**V. BARTOLO**
**7, "Pinewood Crt.", Flat 4, St. Francis Steet, San Ġwann.**

**TLIET PREMJIET**
*Hamper kull wieħed*
intrebħu minn:
**NAZZARENA VELLA**
**21, Luqa Road, Qormi.**
Nru. tal-Biljett: 22791

**A. SCICLUNA**
**71, Mdina Road, Naxxar**
Nru tal-Biljett: 46720

**ZAREN VELLA**
**5, "Umbrella", Triq it-Tfief, San Ġwann**
Nru. tal-Biljett: 84524

# ŻEWĠ KOTBA OĦRA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

**Dan ix-xahar għandna żewġ kotba oħra ta' Tony C Cutajar miktuba speċifikament għaż-żgħażagħ li minbarra li fihom avventura interessanti ħafna għandhom sfond ta' l-istorja vera ta' Malta. Wieħed huwa serju ħafna għax jittratta dwar dak li għaddiet minnu familja fl-aħħar gwerra dinjija u l-ieħor fih storja kurjuża li bdiet fi żmien il-Franċiżi f'Malta u għadha misteru sa llum.**




Iż-żgħażagħ tagħna u anki dawk li huma ħafna ikbar ftit li xejn jafu dwar l-effetti koroh ta' l-aħħar gwerra u minn xiex għaddew missirijietna. Semgħu ħafna stejjer iżda bilkemm jemmnu li ġraw tassew. **Il-Misteru tar-Rotunda** huwa l-ewwel ktieb li qatt inkiteb bil-Malti għaż-żgħażagħ dwar dan is-suġġett reali u anki tal-biża'. Fl-istorja niltaqgħu ma' familja Mostija bl-esperjenzi kollha li għaddew minnhom: il-ħbit mill-ajru, il-ħajja fix-xelter, imwiet u qerda kbira, is-sagrifiċċji u l-qlubija li wrew il-Maltin, ir-razzjon ta' l-ikel, il-kċejjen tal-gvern, il-konvoj ta' Santa Marija li salva 'l Malta, il-ferħ tar-rebħa, eċċ. Fuq kollox, niġu wiċċ imb'wiċċ mat-traġedja kbira li setgħet ġrat lill-knisja sabiħa u magħrufa tar-Rotunda u lil ħafna nies li kien hemm fiha li kieku ħadet il-bomba li waqgħet fuqha. Dan min isejjaħlu miraklu u min jgħid li kien misteru. Fl-istess ħin insiru nafu wkoll dwar l-isfond interessanti tal-bini tar-Rotunda u dwar il-famuża leġġenda ta' l-Għarusa tal-Mosta.




It-tieni ktieb huwa **Il-Misteru tal-Palazz De Vilhena** li jikkonċentra fuq wieħed mill-isbaħ palazzi storiċi li għandna f'Malta. Dan il-palazz fl-Imdina kien iservi bħala qorti, bħala ħabs u anki bħala sptar u fih mietu ħafna nies, fosthom suldati Franċiżi. Hemm min jgħid li f'dan il-palazz jidher il-ħares. Jista' jkun li dan il-ħares huwa wieħed minn dawn in-nies li mietu bil-mard jew b'mod vjolenti f'dan l-istess palazz? Jew forsi dan il-ħares għandu x'jaqsam mat-telfa ta' dokumenti uffiċjali u storiċi fi żmien ir-rewwixta tal-Maltin kontra l-ħakma Franċiża?

L-għalliem ta' l-istorja jieħu l-klassi tiegħu jżuru r-Rabat u l-Imdina bħala parti mill-proġett tagħhom dwar dan il-perjodu ta' l-istorja ta' Malta. L-istudenti jiltaqgħu ma' min kien ra lill-ħares u jeżaminaw fejn deher iktar minn darba, iżda huma jirnexxilhom jarawh? Fuq kollox, l-għalliem jirnexxilu jsolvi l-misteru tad-dokumenti mitlufa? U bintu Martina kif tidħol f'din l-istorja? •

## KOMPETIZZJONI

Għal dan ix-xahar hija din il-mistoqsija: **X'hemm komuni bejn il-Misteru tar-Rotunda u Il-Misteru tal-Palazz De Vilhena?**
L-ewwel tweġiba tajba li tintbagħat trebbaħ żewġ kotba sbieħ.
*Ibgħatu t-tweġiba lil Tony C Cutajar, 11 Triq il-Gladjoli, San Ġwann SĠN 05.*

# *Kif inkitbet il-Bibbja*



Wara l-ħoss qawwi li għamel Dan Brown bil-ktieb tiegħu The DaVinci Code, ħafna kienu dawk li bdew jistaqsu: imma veru li fl-ewwel żminijiet tal-Knisja kien hemm aktar kotba li l-Insara kienu jqisuhom bħala parti mill-Kotba Mqaddsa? X'kien il-kriterju li bih il-Knisja għażlet it-72 ktieb bħala Kelma ta' Alla? Veru li l-Knisja ħbiet xi kotba oħra biex dawn ma jinqrawx mill-insara? Dawn huma xi ftit mill-mistoqsijiet li se nippruvaw inwieġbu f'din is-serje ta' ftit artikli fuq l-oriġini tat-Testment il-Ġdid. L-għan tagħna huwa li nkunu nistgħu napprezzaw xi ftit aktar il-kobor ta' l-Iskrittura.



## L-insara wirtu numru ta' kotba

Il-Bibbja ma waqgħetx mis-sema u l-anqas ma nkitbet f'daqqa. It-72 ktieb li jiffurmaw din il-kollezzjoni li aħna l-Insara nsejħulha **"il-Bibbja"** hija frott tat-Tradizzjoni tal-Knisja. Kienet il-Knisja li ddeċidiet matul is-snin liema huma l-kotba ispirati, jiġifieri, dawk il-kotba li għandhom lil Alla l-Imbierek bħala l-awtur ewlieni tagħhom.

Imma jekk aħna mmorru lura għal Ġesù u l-appostli nindunaw li dawn ukoll kellhom f'idejhom parti minn din il-Bibbja li aħna l-Insara llum insejħulu **"it-Testment il-Qadim."** Per eżempju, f'Mt 22:40 insibu lil Ġesù jagħmel referenza għal dan meta jgħid: **"Dan hu l-kmandament il-kbir ... u t-tieni jixbħu: Ħobb lil għajrek bħalek innifsek: Dawn iż-żewġ kmandamenti huma l-qofol tal-Liġi kollha u tal-Profeti."** L-espressjoni **"il-Liġi u l-Profeti"** hawn hija waħda li turi kif il-Lhud ta' żmien Ġesù kienu jirreferu għat-taqsimiet ewlenin tal-Bibbja li kellhom f'idejhom. Fl-episodju tad-dixxipli ta' Għemmaws

tidħol it-tielet taqsima tat-Testment il-Qadim, meta Kristu rxoxt igħid lid-dixxipli: **"Meta kont għadni magħkom għedtilkom dawn il-kelmiet... Jeħtieġ li jseħħ kull ma nkiteb fuqi fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi"** (Lq 24:44).



Siltiet bħal dawn juruna li Ġesù u l-ewlenin Insara wirtu bosta Kotba Mqaddsa li kienu jinqraw fil-Liturġija Lhudija. Tajjeb infakkru li d-distinzjoni bejn **"it-Testment il-Qadim"** u **"it-Testment il-Ġdid"** kienet għadha ma teżistix: din ġiet wara. Għal-Lhud kienet teżisti biss **"il-Kitba"** jew **"L-Iskrittura"** kif kienu jsejħuluha huma.

## L-importanza tat-testment il-qadim

"It-Testment il-Qadim" għall-ewlenin Insara kien importanti ħafna. L-insara tal-bidu qalbu dawn il-kotba biex fihom isibu provi li Ġesù kien tassew il-Messija imwiegħed. L-idea ta' Messija fl-ewwel seklu kienet wiesa' ħafna. Id-dokumenti ta' Qumran (Dead Sea Scrolls) juruna li l-Esseni, setta



Lhudija, kienet qed tistenna żewġ Messiji u mhux wieħed. Kien hemm ukoll it-twemmin li l-Messija meta jiġi ħadd ma jinduna bih. Ħjiel ta' dan it-twemmin insibuh fi Ġw 7:26-27 meta l-Lhud qalu: **"Araw, b'wiċċu minn quddiem qiegħed jitkellem u ħadd ma hu jgħidlu xejn. Jaqaw tassew il-kbarat għarfu li dan hu l-Messija? Imma dan nafu minn fejn hu; meta jiġi, ħadd ma jkun jaf minn fejn ikun ġie."**

Huwa f'dan il-kuntest li rridu niftakru wkoll kif għall-ewlenin Insara l-ġrajja tas-salib kienet problema. Kien skandlu li l-Messija jispiċċa msallab. F'Ruma instab taħżiż li juri raġel imsallab b'ras ta' ħmar, u dan ifisser kif dawn l-Insara kienu qed jiġu rredikolati minħabba fit-twemmin tagħhom.

Kien għalhekk li fit-Testment il-Qadim l-Insara tal-bidu bdew isibu bosta provi biex juru li Ġesù, il-Messija kellu tassew ibati. Minħabba f'hekk nistgħu nifhmu wkoll kif fir-rakkonti tal-passjoni, l-Evanġelisti jinkludu bosta kwotazzjonijiet mit-Testment il-Qadim. Fi Ġw 19:34.36-37, per eżempju, insibu referenza għall-kliem ta' l-Eż 12:46 jew Num 9:12; Salm 34:20; u Żak 12:10: **"Wieħed mis-suldati nifidlu ġenbu b'lanza, u minnufih ħareġ demm u ilma ... Dan ġara biex isseħħ l-Iskrittura li tgħid: 'ebda waħda minn għadmu ma jkissrulu.' U hemm kitba oħra fl Iskirtutra li tgħid: 'Huma għad iħarsu lejn min nifdu.'"**

Siltiet bħal dawn juruna li l-Insara ewlenin bdew jinterpretaw **"it-Testment il-Qadim"** fid-dawl tal-ġrajjiet ta' Ġesù Kristu. Huma tbiegħdu mill-kuntest storiku li fih u għalih inkitbu dawn il-kotba biex juru kif il-profeziji seħħew tassew f'Ġesù Kristu. •



# MISTRIEH GHAL DEJJEM

Storja vera maqluba għall-Malti

**Fis-6 ta' Frar 2003, 13-il sena wara li miet binha Giles, Nancy Kershaw rat il-qabar tiegħu għall-ewwel u l-aħħar darba. Imbarkat fuq vjaġġ skabruż f'nofs l-Oċean Antartiku fuq vapur li normalment jintuża minn esploraturi u xjenzjati. Nancy, minn Sussex l-Ingilterra, kienet diġà bużnanna ta' 78 sena. Kienu saru żewġ attentati biex jersqu lejn fejn kien midfun Giles, iżda l-post ma kienx wieħed li jista' jintlaħaq. Fit-tielet attentat tagħha fehmet li dan kellu jkun l-aħħar wieħed.**



Intasbet fuq il-gverta waqt li l-vapur baħħar fl-ilma ffriżat u setgħet tara l-muntanja fejn kien hemm il-qabar ta' binha Giles, immarkat b'salib fuq fil-blat.

**"Haġa stramba. Niftakar meta spiċċat il-gwerra tal-Falklands, il-ġenituri ta' dawk li tilfu lil uliedhom fil-gwerra kienu ġew meħuda biex jaraw il-post fejn uliedhom kienu midfuna; u dak iż-żmien ħsibt... X'hemm x'tara? Qabar biss. Mhux se jaraw lil uliedhom." Hekk ħasbet Nancy, u kompliet: "Issa, li Giles ukoll miet, qed nirrealizza għaliex dawk l-ommijiet kienu marru. Riedu jkunu hemm biex jaraw fejn uliedhom kienu qed jistrieħu għal dejjem."**



Giles kien pilota li jtir fuq l-Oċean Antartiku. Kellu 42 sena meta miet f'inċident ta' l-ajru. Kellu mħabba kbira lejn l-ivvjaġġar bl-ajru sa minn meta kien għadu tifel ċkejken.

Nancy bdiet tiftakar: "Meta kellu madwar 6 snin, ra l-ewwel ħelikopter, u minn dak in-nhar daħħal f'rasu li ried wieħed. Giles kien jiġi miegħi biex nagħmlu x-xirja. Darba minnhom, qalli: 'Mummy, il-kaboċċa li se tixtri veru għandek bżonnha?' U kull darba kien ikolli noqgħod infehmu li biex nixtru ħelikopter irridu noqogħdu lura milli nixtru ħafna, ħafna kaboċċi.

**"Hekk kif spiċċa mill-iskola, Giles beda jmur għal-lezzjonijiet tat-titjir, imma meta miet missieru Kenneth fl-1967, Nancy, li kellha żewġt itfal oħra bniet, ma setgħetx tkompli tħallaslu aktar għal dawn il-lezzjonijiet. Giles beda jaħdem. Beda jagħmel kull ma kien jiġi għal idejh biex ikollu l-flus ħalli jkompli jħallas il-lezzjonijiet. Impjega ruħu mal-British Antarctic Survey u beda jtir f'territorji mwarrba fejn kien hemm l-għadu. Kont naf li kien hemm il-periklu, imma ma kontx inkwetata għax Giles kien kuntent ħafna u la kien kuntent hu, kont kuntenta bħalu. Għadda ż-żmien u waqqaf il-linja ta' l-ajru tiegħu, għax dawk biss li kienu jaħdmu f'bażijiet tal-Gvern setgħu jmorru l-Antartiku; u hu ried li kulħadd ikun jaf b'dan. Iltaqa' ma ħafna problemi madankollu rnexxielu jagħmel dak li xtaq u ried. Kont kburija bih ħafna."**

Giles kien avventuruż bħal ommu, u kien ċajtier imma wkoll determinat. Nancy, issa kellha 81 sena u tismagħha titkellem kont issir taf li f'dan l-aħħar żmien biss ma baqgħetx tmur abseiling.



Kienet ġiet mogħtija l-unur MBE għall-ġid li kienet tagħmel fost dawk bla dar – ħidma li kienet ilha twettaq mill-1980, meta flimkien ma' xi ħbieb tagħha skassaw il bieb ta' sptar vojt biex iwasslu l-messaġġ li f'Londra kien hemm ħafna bini vojt abbandunat filwaqt li kien hemm ħafna nies bla dar.

Fl-1990 Giles iżżewweġ lil Annie. Flimkien iddeċidew li jistennew sena sakemm jibdew familja biex ikun jista' joħodha miegħu tara l-postijiet li tant kien iħobb. Kien iddeċieda wkoll li jirtira minn pilota u flimkien ma' ommu jikteb l-istorja ta' ħajtu. Id-destin ried mod ieħor. Il-ħelikopter li kien fuqu kkraxxja f'post jismu Jones Ice Shelf fejn darba kien qal lill-ħabib tiegħu: "Kieku kelli mmut fil-baħar Antartiku, hawn irrid nindifen". U hekk ġara għax Giles ġie midfun f'qiegħ muntanja li aktar tard ġiet imsemmija Mount Kershaw għalih.

**"Il-ġimgħat u x-xhur ta' wara d-disgrazzja kienu mill-agħar. Ma kontx naħseb li xi darba kont se negħleb is-sitwazzjoni. Għadni nħoss in nuqqas tiegħu sa llum, speċjalment id-daħq u ċ-ċajt tiegħu. Kellu karattru sabiħ ħafna. Il-fatt li ma kienx possibbli mmur għall-funeral tiegħu, irrenda kollox aktar diffiċli. Veru għamilnielu servizz funebri, iżda ma kinitx l-istess ħaġa. Xtaqt ħafna nara fejn kien midfun l-għażiż ibni ħalli nkun naf x'kien hemm li kien ġiegħlu jsir ħobb il-post daqshekk.**

**"Ma kienx faċli tasal sa ħdejn Jones Ice Shelf, għalkemm bis-saħħa ta' Giles issa sar possibbli li tmur bħala turist. Jones Ice Shelf hija ftit mili 'l bogħod mis-South Pole u ferm aktar 'l isfel minn fejn jista' jasal xi vapur tat-turisti."**

Annie kompliet tmexxi l-kumpanija ta' l-ajru ta' żewġha Giles. Sentejn wara mewtu, hija offriet li tieħu lil Nancy biex tara l-post fejn kien midfun binha. Nancy qabżet bil-ferħ, imma meta marru ma rnexxilhomx jaslu sal-post minħabba s-silġ. Tant kienet kesħa li anki n-nifs tagħhom stess kien jiffriża. Lejla minnhom, faqqa' uragan u kien se jtajjar il-kamp kollu. **"Ħassejtni diżappuntata ħafna li ma stajtx nasal sal-post fejn Giles kien midfun, imma għidt lili nnifsi: 'Almenu rnexxieli nara l-post fejn għadda l-parti 'l kbira mill-ħin tiegħu u kien kuntent'. Stajt nara wkoll għaliex Giles kien iħobb tant dan il-post. Huwa post sabiħ ħafna. Kont immur xi passiġġata, imma minkejja li ħadd ma kien jista' jiġi miegħi, qatt ma ħassejt ruħi waħdi. Il-fatt li kont hemm, kont inħossni qrib ħafna ta' Giles."**

Fis-sena 2001, Nancy ltaqgħet ma' baħri magħruf jismu Skip Novak li ssuġġerielha jaslu bil-baħar. Kien se jkollha l-aħħar ċans. Kienet diġà kbira fl-età. Flimkien ma' bintha ż-żgħira Deborah, żewġha John u ħabib tagħhom, marru bl-ajruplan lejn iċ-Ċili biex hemm jirkbu fuq il-jott Pelagic twil 54 pied ta' Skip Novak. Ma kienx vjaġġ faċli. Il-jott tant beda jiċċaqlaq bil-maltemp li biex taħsel il-platti Nancy kien ikollha tintrabat mas-sink. Fl-aħħar, wara tmint ijiem f'din is-sitwazzjoni xejn ħafifa, Nancy ġiet imqajma minn Skip biex jgħidilha li kienu biss ħames mili 'l bogħod minn Jones Ice Shelf. **"Ġrejt għal fuq il-gverta u wara stennIja fil-kesħa xxoqq l-għadam, li kważi bdejt inżomm in-nifs u nittama, tfaċċat Mount Kershaw u stajna naraw il-post fejn kien midfun ibni Giles. Wara dan iż-żmien kollu kienet ħaġa sabiħa ħafna tara l-post fejn Giles xtaq ikun."**

Il-jott Pelagic rabat l-ankri f'bajja żgħira mdawra bil-muntanji, żewġ mili biss bogħod minn Mount Kershaw. Kien baqa' intopp ieħor li deher pjuttost żgħir biex jintrebaħ, iżda daqstant kien kbir li ma setax jingħeleb. Skip irrealizza li s-silġ kien artab ħafna bi kwantità ta' xquq perikolużi li kien qed jagħmilha impossibbli li jersqu aktar qrib.

**"Meta rrealizzajt x'kienet is-sitwazzjoni ħassejtni nitkisser. Inżilt fuq kunċetta u bdejt nibki kemm niflaħ. Ma flaħtx aktar. Binti Deborah sabitni mtertqa bil-kesħa u ġabitli hot water bottle. Wara ftit bdejt nistejqer u għidt lili nnifsi li kien hemm bżonn nagħmel kuraġġ u nkun prattika. Kien irnexxieli nara l-muntanja ta' Giles. Irnexxieli nara l-post li għal Giles ma kienx hemm isbaħ minnu fl-Antartiku u rnexxieli nersaq tant viċin. Kelli ħafna għalxiex inkun grata."**

Għaddew sentejn minn dik il-ġrajja u Nancy tħares lura b'nostalġija. **"Hemm xi ħaġa fl-Antartiku li tidħol f'qalbek, tidħol f'demmek. Kieku kelli ċ-ċans nerġa' mmur, nitlaq għada stess. Xorta nħossni kuntenta li rajtu - li rajt il-post fejn Giles kien ferħan u kien iħossu komdu. Hemm huwa jinsab mistrieħ għal dejjem."** •



# Aktar magħqudin bħala fraternità milli meta dħalna

**Kien reġa' wasal x-xahar tal-Milied u miegħu kien wasal il-Live-in. Konna ilna nistennewh u nistennew s-sorpriżi li jġib miegħu. Issa li għadda nista' ngħid li kien wieħed speċjali u eċċezjonali għalija u għal kull min kien hemm. Din ma kinitx l-ewwel esperjenza tiegħi li nattendi Live-in, imma din kienet waħda li ma ninsa qatt.**

Id-Dar tat-Talb fir-Rabat kienet ippreparata għalina flimkien mad-diriġenti tagħha u l-animaturi li kienu Gordon, Gerald u Amira mit-tim tal-Young Light li mexxew dan il-Live-in b'dedikazzjoni kbira u b'entużjażmu qawwi. Tant kellhom enerġija li għadha tiġri fil-grupp u fija nnifsi.

It-tema ta' dan il-Live-in kienet il-komunikazzjoni bejnietna u jien x'qed nagħmel għaċ-ċentru tiegħi li jien tant kburi bih. Din il-mistoqsija smajnieha kemm-il darba f'dan il-weekend. Għall-bidu ħadd ma kien jaf kif se jaqbad iweġibha, iżda llum li għadda kollox persważ li ħadd m'għadu jieqaf u jaħseb x'ħin jismagħha għax kulħadd skopra li hu persuna importanti u dan bis-saħħa tal-membri nfushom li ħarġu b'ħafna kummenti pożittivi fuq sħabhom.

Biex ġara dan kollu t-tim tal-Young Light uża eżerċizzi sempliċi li kulħadd sata' jagħmilhom bl-inqas tbatija, imma b'ħafna ħsieb. Wara dawn l-eżerċizzi r-riżultat konna narawh mill-ewwel għax il-komunikazzjoni ta' bejnietna bdiet tikber bil-mod u fl-aħħar tal-weekend konna aktar magħqudin bħala fraternità milli meta dħalna.



F'dan il-weekend ma kinux eżerċizzi biss li għamilna mat-tim, iżda kellna talb ta' filgħodu u ta' filgħaxija u kellna l-qrar minn Fr Joe Guliano u ta' dan nirringrazzjah minn hawn tas-servizz eċċellenti li tana, kif ukoll il-quddiesa tal-Ħadd. Minbarra l- eżerċizzi u talb, kellna wkoll ħin ta' mistrieħ li ħafna mill-membri tal-grupp kienu ddeċidew li jqattgħuh flimkien, jinbxu lil xulxin u jidħku flimkien, filwaqt li ma naqsux xi ħelu u gallettini li kulħadd ġab u qasam ma' sħabu.

Minn qiegħ qalbi nixtieq ngħid grazzi u prosit lil kull min ġie u ta sehmu biex dan il-Live-in jirrenexxi b'tant suċċess. F'isem il-membri u l-kunsill kollu tal-GiFra, ngħid grazzi kbira lil Alla talli bagħtilna lil Gordon, Gerald u Amaria li permezz tagħhom kbirna flimkien bħala aħwa. Grazzi u prosit. •

# Hawn jien (1Sam 3:4)



**Fl-iskrittura nsibu ġrajjiet fejn il-Mulej għażel persuni biex ikunu għodda f'idejh. Persuni li f'għajnejn il-bnedmin kienu moħbija b'ħajja sempliċi. Iżda f'għajnejn il-Mulej kienu nies importanti biex iwettqu l-pjan li kien lesta għalihom u jwasslu l-messaġġ lill-poplu tiegħu.**

Il-Mulej meta jsejjaħ lil xiħadd għal xi ħidma partikulari ma jħarisx lejn il-bniedem ta' barra, imma jħares lejn id-disponibbiltà tal-qalb li lesta taċċetta s-sejħa u taħdem id f'id miegħu.

Fost dawn in-nies insibu liż-żagħżugħ Samwel, żagħżugħ li kien jaqdi lil Mulej ma' Għeli fit-tempju. Il-Mulej isejjaħ liż-żagħżugħ b'ismu **"Samwel, Samwel"** (1Sam 3:4). B'hekk jaf lil min irid u jidħol f'relazzjoni miegħu. Meta sema' l-leħen minnufih kien pront wieġeb **"Hawn jien"** (1Sam 3:4), bid-differenza li ma kienx għaraf li dak il-leħen kien tal-Mulej. Ħaseb li kien Għeli li sejjaħlu. Iżda l-Mulej issokta jsejjaħlu. Il-Mulej huwa konsistenti fis-sejħa tiegħu. Jibqa' jsejjaħ sakemm il-persuna tinduna u twieġeb għaliha. Iż-żagħżugħ resaq lejn Għeli biex jara għalfejn sejjaħlu. Iżda Għeli ntebaħ li s-sejħa kienet ġejja mingħand il-Mulej. Għeli qal liż-żagħżugħ **"Mur u jekk jerġa' jsejjaħlek wieġeb, 'Tkellem Mulej, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'"** (1Sam 3:9). U Samwel għamel kif qallu Għeli. Il-Mulej reġa' sejjaħlu u ż-żagħżugħ laqa' bil-ferħ is-sejħa tal-Mulej bħala qaddej li lest biex jaqdi lil Sidu.

Hawn iż-żagħżugħ Samwel jurina li lest jaqdi lil Mulej bla kundizzjonijiet. Lest li jwettaq ir-rieda tal-Mulej. Lest li jimxi l-mixja tas-sejħa. L-attitudni tiegħu kienet waħda ta' ferħ li l-Mulej għażel lilu biex jaqdih. Attitudni bħal din tferraħ il-qalb tal-Mulej.

Bħal kull sejħa li jagħmel il-Mulej, din id-darba wkoll isejjaħ b'mod personali u b'ħidma partikulari li jafda fil-persuna msejħa. Samwel intgħażel mill-Mulej biex iwassal il-messaġġ lil Għeli: **"Int tħabbarlu li jien għad nagħmel ħaqq minn daru għal dejjem talli hu kien jaf li wliedu kienu qegħdin jagħmlu l-ħażen u jżebilħu 'l Alla, u hu ma ċanfarhomx"** (1Sam 3:13).



**"Samwel kiber u l-Mulej kien miegħu"** (1Sam3:19). Il-Mulej qatt ma telqu liż-żagħżugħ, iżda baqa' miexi miegħu. Samwel ħadem id f'id mal-Mulej u l-Mulej għamel ħwejjeġ kbar permezz tiegħu. **"Isreal kollu għaraf li kien tassew profeta tal-Mulej"** (1Sam 3:20-21). Mid-dlam tat-tempju l-Mulej ħarġu fil-beraħ u għamlu dawl għal ġnus biex il-kelma tiegħu tasal f'widnejn l-poplu.

Int ukoll bħal dan iż-żagħżugħ tista' tkun għodda f'idejn il-Mulej biex kemm bil-kelma u kemm bix-xhieda ta' ħajtek twassal lill-Mulej fil-qalb tal-bnedmin. Qed tinduna li int ukoll bħal Samwel qed tiġi msejjaħ? Tibżax tilqa' bil-ferħ l-istedina tal-Mulej. Iftaħ qalbek biex taċċetta dak li l-Mulej irid tassew minn ħajtek. Agħmel kuraġġ, għax fil-mixja tas-sejħa tiegħek il-Mulej ikun miegħek biex iwieżnek u jħarsek f'kull pass li tagħmel. •

KARIŻMA FRANĠISKANA

# L-EWKARISTIJA: DEWQA TA' L-ETERNITÀ

## ERWIEĦ EWKARISTIĊI



**Daqskemm hi importanti iċ-ċavi għal ħnejja, ġebla ċentrali li torbot il-ġebel f'arka waħda, daqshekk ieħor hi indispensabbli l-Ewkaristija biex wieħed jifhem u jgħix l-ispiritwalità Franġiskana. Mill-ġemgħa kbira ta' erwieħ kbar ewkaristiċi li mxew wara Franġisku u Klara se nsemmi ruħ waħda biss li għamlet lil Ġesù Ewkaristija ċ-ċentru ta' ħajjitha.**

**San BASKAL BAYLON (1540-1592)** l-ewwel bħala ragħaj fqir u wara bħala fratell lajk, hu meqjus bħala l-akbar devot fanatiku ta' l-Ewkaristija fl-Ordni Franġiskan. Hu u jindokra l-merħla tirgħa, qalbu kienet ittir lejn il-ħaruf divin u miegħu titkellem b'imħabba. Għal din l-imħabba Ġesù ħallsu billi deherlu f'ostensorju b'ostja ġo fiha miżmum mill-anġli waqt id-daqq b'tokki ta' festa mill-ġnieġel ma' għonq il-bhejjem tal-merħla. Meta mbagħad ingħaqad ma' wlied Franġisku ġie afdat b'xogħol materjali varju; ċirkatur, ġardinar, kamrier, kok. Ma' kull ċans li kien isib, riġlejh kienu jsuquh lejn il-kor-kappella biex isellem, jitkellem, jadura u jiżvoga mħabbtu ma Ġesù fl-Ewkaristija. Bil-lejl, hemm kont issibu, jitlob għad-dawl inemnem tal-lampier. Waqt mawra tiegħu fi Franza ħabat se jiġi mħaġġar mill-eretiċi Ugonotti, però l-fidi żonqrija tiegħu fl-Ewkaristija mewtitilhom idejhom u bellhithom. Miet waqt id-daqq tal-qniepen idoqqu s-Sanctus. U b'ġismu kiesaħ silġ waqt il-quddiesa tal-funeral, huwa bexxaq għajnejh sew fil-ħin tal-konsagrazzjoni biex bħal speċi jsellem għall-aħħar darba lill-ħabib divin tiegħu. Mhux ta' b'xejn li das-serafin ta' l-Ordni Franġiskan ġie pproklamat mill-Papa Ljun XIII patrun tad devozzjonijiet ewkaristiċi u aktar tard tal-kungressi ewkaristiċi internazzjonali.



**"X'se nkunu 'l quddiem mhux rivelat lilna"** (1Ġw 3:2). Però bħala wlied Alla l-maħbubin li għadna f'dal-pellegrinaġġ fi triqtna lejn is-sema pajjiżna, għandna magħna lil Ġesù Ewkaristija li jdaħħalna fl-atmosfera u jdewwaqna l-hena eterna tat-tgawdija ta' Alla. **"Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej"** (Salm 34:9). •



SILTIET MINN RUMANZ

# "LA JIBBNAZZA NIĠI LURA" (L-1 parti)

minn Oliver Friggieri

**Dun Grejbel baqa' sieket, u beda jitkellem waħdu. "Nittama, Mulej, li għadek qiegħed tikkontrolla s-sitwazzjoni kollha, u li għandek ftit ħin biex minn hemm fuq tħares lejn ir-raħal.**

Sadanittant, f'dawn l-aħħar snin, jiena ndunajt li Inti trid tlaħħaq ma' dinja tassew kbira, imma lill-ħbieb il-qodma, jekk jogħġbok, tinsihomx. Nixtieq nerġa' ngħidlek li t-toroq tiegħek huma mserrpin tassew. Inberikom kollha kemm huma minn qalbi, qabel ma nagħrafhom, u wisq aktar wara. Hekk ftehemna fil-bidu, u inti qatt ma nqastni. Darba kont għedtli li xi mkien fil-Ġenna kellek issib il-mappa ta' kulħadd, u fiha kellek issib ukoll lir-raħal tagħna, tikka żgħira żgħira, li anki fid-dawl bil-kemm tidher, imma hemm qiegħda, u taraha. Trid tfittixha bil-lenti biex tilmaħha. Mulej, inti tara kollox mill-qrib, u tara bi mħabba kemm lil min hu fin-nofs u kemm lil min inzerta fix-xifer. Jien, minn fuq dan iż-żiemel, twajjeb kemm hu twajjeb, qiegħed nara lid-dinja ddur bija aktar minn qabel. Ma nistax ma ngħidlekx li nħossni qiegħed nistordi. Kemm hawn fuq, u kemm hemm isfel, stordament wieħed. Kultant naħseb li aħjar kieku d-dinja ma kinitx iddur. Ma jkunx aħjar kieku xi darba twaqqafha ftit? Ma rridx nindaħallek. U l-idea tiegħi tieqaf kollha hawn. F'idejk! Hekk konna ftehemna darba, u issa nixtieq inġedded il-kuntratt ta' bejnietna," baqa' jitlob Dun Grejbel. "Il-kundizzjonijiet jibqgħu l-istess. Kif kien fil-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem... Tkun imbierek dejjem." •



# It-Tarka u x-Xabla



## IL-PUPLESIJA

**Il-moħħ huwa organu kumpless ħafna u għadna ma nifhmux kif jaħdem kompletament. Iċ-ċirkolazzjoni lejn il-moħħ hija essenzjali sabiex dan jibqa' jaħdem tajjeb. Huwa għalhekk li jekk ikun hemm xi problema fiċ-ċirkolazzjoni, hemm riskju li jiġri xi ħsara fil-moħħ. Din tissejjaħ puplesija (stroke).**

Il-moħħ huwa magħmul minn miljuni ta' ċelloli jissejħu newroni li huma mqabbdin ma' xulxin. Min-newroni jgħaddu l-messaġġi neċessarji skond il-bżonn. B'hekk ikun hemm kontroll fuq iċ-ċaqlieq tal-ġisem, is-sensazzjonijiet, il-koordinament u r-riflessi. Barra minn hekk, dawn jikkontrollaw ukoll il-personalità, il-ħsieb u l-emozzjonijiet.

L-ebda organu ma jiffunzjona tajjeb mingħajr ċirkolazzjoni tad-demm. Kif ikun hemm problema akuta fiċ-ċirkolazzjoni, din se tinħass u jiżviluppaw xi sintomi. Dawn jistgħu jkunu varji u jiddependu fuq liema parti tal-moħħ tkun ġiet affettwata. L-iktar sintomi komuni huma dawk ta' nuqqas ta' ċaqlieq ta' xi parti mill-ġisem, ġeneralment tkun naħa waħda. Problemi bid-diskors huma komuni wkoll fil-puplesija, u jista' wkoll jiġi affettwat il-kapaċità ta' persuna li tifhem dak li jkun jingħad lilha. F'xi każijiet jintilef xi wieħed mis-sensi tal-ġisem jew parti mill-viżta ta' l-għajnejn, u f'każijiet serji ħafna tista' tintilef il-konoxxenza.

Jekk dawn is-sintomi jdumu inqas minn 24 siegħa, din tissejjaħ Riħ ta' puplesija (Transient ischemic attack). Din ħafna drabi tfisser li ċ-ċirkolazzjoni tkun reġgħet infethet weħidha b'intervent tal-ġisem innifsu. Meta s-sintomi jibqgħu, il-puplesija tkun stabbilita.

Il-problema fiċ-ċirkolazzjoni tista' tkun ta' sadd ta' arterji jew inkella ta' emorraġija (tnixxija ta' demm). Is-sadd jista' jiġi minn trombożi (id-demm jibda' jagħqad ġewwa l-arterja) jew minn ċappa demm li tifforma u tibda ddur fl-arterji sa ma tieqaf f'waħda mill-arterji rqaq (embolu). L-embolu huwa riskju f'min għandu ċerti kundizzjonijiet fil-qalb jew l-arterji l-kbar tal-għonq, u għalhekk jitpoġġa fuq mediċina li traqqaq id-demm bħal aspirina jew warfarina.

It-test li jindika jekk hemmx puplesija u liema tip huwa X-ray tal-moħħ bis-CT scanner. Jista' jkun li fl-ewwel siegħat wara puplesija, dan xorta jiġi normali, iżda huwa utli ħafna biex jaċċerta li m'hemmx emorraġija. Testijiet oħra bħall-analiżi tad-demm huma wkoll importanti.

Ir-riskji għall-puplesija huma l-iktar id-dijabete u l-pressjoni mhux kontrollati, it-tipjip, l-obesità, il-kolesterol għoli fid-demm u xi mard tal-qalb.

### IT-TARKA

- ***Kontroll tal-kundizzjonijiet li għadni kemm semmejt ibiegħed ir-riskju ta' puplesija.***
- ***Mediċini bħall-aspirina jraqqu d-demm u jnaqqsu r-riskju ta' puplesija minn trombożi jew embolu, speċjalment f'nies li għandhom riskju. Peress li kull mediċina fiha r-riskju ta' side-effects, dawn għandhom jittieħdu biss taħt preskrizzjoni tat-tabib.***



### IX-XABLA

- ***Nies li jsofru minn puplesija ħafna drabi jiddaħħlu l-isptar għal testijiet u rijabilitazzjoni. Ikun jeħtieġ kura minn diversi membri tat-tim mediku li jinkludi t-tobba, infirmiera, terapisti u spiżjara.***
- ***Mediċini biex jittrattaw il-puplesija qegħdin f'diversi fażijiet ta' żvilupp. Hemm minnhom li jdewwbu t-trombożi u jridu jingħataw malajr kemm jista' jkun. Dawn iżda fihom ir-riskji tagħhom, li jinkludu emorraġija u jingħataw biss f'ċentri speċjali.***
- ***Il-puplesija emorraġika hija kundizzjoni serja ħafna. F'ċertu każijiet tista' tingħata kura kirurġika. Ħafna drabi iżda, kull ma jista' jsir huwa li tingħata kura ġenerali fl-isptar sakemm il-persuna, jekk huwa possibbli, tirkupra.***

**Nixtiqilkom is-saħħa.**

***Jekk għandek xi diffikultà fuq xi informazzjoni li sibt f'dan l-artiklu, ikun siewi li tkellem lit-tabib tiegħek sabiex tiċċaraha.*** •



# Mario Vassallo OFMCap iwiegħed li jgħix:

# FQIR, UBBIDJENTI U KAST

Rabta ċoff malajr tħollha, imma mhux l-ewwel darba li nitilfu s-sabar meta nippruvaw inħollu xi għoqda li tkun tgħaqqdet mingħajr ma xtaqnieha! U ħadd ma jtina tort jekk taqbżilna meta nippruvaw inħollu xi għoqda, għax ċoff faċli tħollu imma għoqda le!

Kienet din ir-riflessjoni li għaddiet spiss minn moħħi fil-jiem meta kont qed inħejji għall-professjoni perpetwa li kelli nagħmel f'idejn il-Provinċjal nhar l-1 t'Ottubru li għadda. Bil-professjoni perpetwa jien wigħedt lil Alla li ngħix għal ħajti kollha t-tliet voti tal-faqar, kastità u ubbidjenza. Iż-żmien bejn il-professjoni temporanja u dik perpetwa huwa żmien ta' prova meta wieħed ikun marbut b'dawn l-istess voti li jiġġeddu kull tant żmien għax huwa żmien ta' prova. Bil-professjoni perpetwa r-rabta tkun għal dejjem – ma tibqax aktar rabta ta' ċoff li tinħall malajr, imma ssir għoqda għal dejjem. Nhar l-1 t'Ottubru għalija kien il-jum li fih ir-rabta ċoff tiegħi għamiltha għoqda – għoqda, li bl-għajnuna t'Alla, la jien ma nħoll u lanqas inħalli lil min iħollhielI!

Illum nisimgħu ħafna li l-Ħajja Reliġjuża hija sfida u dan huwa minnu għax mhix faċli għal żagħżugħ fid-dinja ta' llum li jħalli ħafna affarijiet warajh biex iwiegħed li jgħix it-tliet voti evanġeliċi. U dak hu s-sabiħ tal-Ħajja Reliġjuża – li hija sfida! Jekk nagħtu daqqa t'għajn madwarna ninnutaw kemm aħna ż-żgħażagħ ta' llum inħobbu l-isfidi bħal meta

nkunu aħna li noħorġu b'xi ħaġa ġdida u nħossuna kburin bina nfusna jew dejjem naraw kif nistgħu inkunu aħjar minn ħaddieħor u, ħafna drabi, infittxu li nagħmlu dak li hu l-aktar diffiċli! Jien ukoll żagħżugħ u wkoll inħobb l-isfidi bħal kull żagħżugħ ieħor. Kienu dawn l-isfidi żgħar li għenuni sabiex fl-1 t'Ottubru nidħol għal sfida aktar serja minn dawk li toffrilna l-ħajja ta' kuljum.

Li żagħżugħ fid-dinja ta' llum jagħżel minn rajh li jagħti l-ġenb lil ħafna affarijet li toffri l-kultura ta' llum hija xi ħaġa li mhux kulħadd jista' jifhimha però mhijiex ħaġa impossibbli. Tkun impossibbli u diffiċli biss jekk wieħed jaħseb li dak li qed jagħmel qed jagħmlu bil-ħila tiegħu biss jew biex ikun bħal jew aħjar minn ħaddieħor, jew ifittex li jkun f'xi pożizzjoni li tiġbed in-nies lejh. Dawn u oħrajn huma tentazzjonijiet li jmorru mhux biss kontra l-ideal Franġiskan, imma qabel kollox kontra l-ispirtu ta' l-Evanġelju li kull nisrani huwa fid-dmir li jsegwi! Jekk nemmnu li l-vokazzjoni reliġjuża hija inizjattiva li ġejja minn Alla allura rridu nimxu t-triq flimkien miegħu bir-riskji kollha li din it-triq iġġib magħha. Hija triq li tulha ma tafx ma' xhiex se tiltaqa', għalhekk jeħtieġ li tkun ippreparat tajjeb. Mhux biss, imma huwa ferm importanti li tul il-mixja żżomm kontinwament relazzjoni b'saħħitha ma' dak li sejjaħlek u li għalih tlaqt kollox biex timxi warajh aktar mill-qrib. Din ir-relazzjoni ttik il-qawwa u l-għerf biex tegħleb kull sfida oħra żgħira jew



kbira. U biex ikollok relazzjoni tajba ma' xiħadd trid l-ewwel u qabel kollox issir tafu, u ssir tafu aktar billi tiltaqa' miegħu ta' spiss! Kull nisrani, imma b'mod speċjali dawk kollha li Alla sejħilhom biex jimxu warajh aktar mill-qrib, jeħtieġ li jkollhom relazzjoni tajba miegħu, relazzjoni ta' mħabba li tiġi biss mill-kelma t'Alla u mill-Ewkaristija.

Ma nistax nagħlaq dawn il-kelmiet mingħajr ma' nitlobkom tirringrazzjaw lil Alla miegħi għas-sejħa li għamilli. Itolbuh sabiex dak li bdejt ikolli l-qawwa li, flimkien ma' ħuti, inwasslu sa tmiemu. Jien minn naħa tiegħi nwiegħed li nitlob għal dawk kollha li kienu ta' għajnuna għalija biex ħadt dan il-pass hekk importanti f'ħajti. Jalla l-Mulej ifawwarkom b'kull xorta ta' ġid mis-sema! •







# ALLA MISSIER U OMM

Il-karatteristika ewlenija u l-iktar importanti ta' Alla hi l-Imħabba (**"Alla hu mħabba"** 1Ġw 4:7). Issa l-imħabba mhix xi idea astratta, imma esperjenza konkreta u prattika ħafna. Tinvolvi sentimenti, ħsibijiet, xewqat, ħolm, karezzi, dixxiplina, relazzjonijiet, deċiżjonijiet, kreattività, servizz u sagrifiċċju. Dawn kollha nilmħuhom fi bnedmin li nsejħulhom ġenituri: ommijiet u missirijiet li ħadu isimhom minn Alla li hu l-Missier ta' kulħadd. Fil-Bibbja nsibu żvilupp fir-revelazzjoni ta' Alla bħala ġenitur. Ħa nimxu pass pass mal-Kelma ta' Alla li kixfitilna din l-imħabba ta' Alla taħt forma ta' paternità u maternità.

# "Alla hu mħabba" 1Ġw 4:7

## IĊ-ĊKEJKNIN TA' ALLA

Fit-Testment il-Qadim insibu li Jaħweh ta' Iżrael hu nnifsu hu b'mod simboliku l-missier u l-gharusa. Hu Missier għax hu l-Ħallieq, imma wkoll għax kien hu li sejjaħ, sawwar u mexxa l-poplu ta' Iżrael. B'mod speċjali, Hosegħa u Ġeremija nsistew li dan il-Missier kellu l-ħlewwa u l-karezzi ta' omm.

Fit-Testment il-Ġdid għandna żvilupp meraviljuż li għadna ftit għodosna fih u emminnieh tassew. Ġesù kien joħlom b'komunità ta' aħwa li jsiru ċ-**"ċkejknin"** (Mt 11:25 dan hu test bibliku importanti ħafna), li l-Missier kixfilhom is-sigrieti tiegħu, kull wieħed u kull waħda huma personalment ulied Alla (Mt 6:4.6.18). Għal Ġesù, mhix xi razza umana li tagħmel wild Alla, imma dawn iċ-**"ċkejknin"** huma kemm Lhud u kemm pagani li jagħmlu r-rieda tal-Missier (Mt 21:31 ss; 25:32 ss). Dan il-ġudizzju juri li ċ-ċkejnin huma dawk li fil-moħbi u bla interessi juru ħniena prattika mal-proxxmu. Dawn iċ-ċkejknin saru Iżrael il-ġdid. Skond il-Katekiżmu tal-Knisja (ara nn. 2779-2796), aħna rċevejna l-qawwa ta' l-Ispirtu li jgħaqqadna fit-talba ta' Ġesù, jiġifieri l-**"Missierna"**. Dan il-privileġġ jissejjaħ fit-Testment il-Ġdid **"parrhesia"**, li tfisser sempliċità bla qerq, fiduċja ta' wlied, garanzija hienja, kuraġġ umli, ċertezza ta' mħabba (ara Ef 3:12; Lhud 3:6; 4:16; 1 Ġw 2:28 u oħrajn).

Xi jfixkilna milli nagħrfu lil Alla bħala ġenitur? Xi xbihat ta' ġenituri f'ħajjitna huma qarrieqa. L-umiltà twassalna biex nintebħu li **"ħadd ma jagħraf lill-Missier jekk mhux l-Iben u dak li lilu l-Iben irid jgharrafhulu"**, jiġifieri liċ-**"ċkejknin"** (Mt 11:25-27). Il-purifikazzjoni tal-qalb tinkludi x'nifhmu b'missier u b'omm. L-ideat tagħna ssawru mill-istorja personali u kulturali tagħna, li jinfluwixxu fuq ir-relazzjoni tagħna ma' Alla. Alla Missierna hu 'il fuq mill-kategoriji kollha tal-ħolqien. Titlob lill-Pa jfisser tidħol fil-misteru tiegħu hekk kif inhu tassew u kif urihulna l-Iben waħdieni Ġesù.

**"Dak li l-bniedem ma għandux il-ħila jaħseb u lanqas is-setgħat tas-sema jintebħu bih, jiġifieri r-relazzjoni ta' l-Iben mal-Missier (ara 1Ġw 1:1), l-Ispirtu ta' l-Iben gharrafhulna, lilna li nemmnu li Ġesù hu l-Messija u li aħna twelidna mill-ġdid minn Alla"** (ara 1Ġw 5:1) Katekiżmu tal-Knisja 2780.

**"L-ewwel kelma tat-talba tal-Mulej hi barka ta' adorazzjoni qabel ma' hi implorazzjoni. Dan għaliex aħna nkunu nagħrfu l-glorja ta' Alla meta nagħrfu bħala "Missier" lil Alla veru... li jgħammar fina bil-preżenza tiegħu"** (Kat. 2781).

## MIN HU DAN ALLA?

Imma min hu dan Alla li rled b'herqa llema bħalha li nagħrfuh bħala omm u missier? Kif wera dal-karattru? X'tip ta' Missier hu? X'tip ta' Omm hi? Lil Iżrael il-ġdid, lil dawk li bis-saħħa tad-Demm tal-Ħaruf saru wlied Alla, dan il-Pa jipprovdi b'abbundanza kull ħtieġa (Mt 6:26.32; 7:11) u b'mod speċjali lill-Ispirtu s-Santu (Lq 11:13) u lilhom wera ħniena mimlija ħlewwa (Lq 15:11-32). Ħnientu mhix ikkundizzjonata (Mt 5:45b), imma jaħfer b'kundizzjoni (Mt 18:32-35). Hu b'mod ewlieni u naturali l-Missier ta' Ġesù. Hu Ġesù li tahulna b'Missierna u wriena min hu tassew Alla. L-Ispirtu s-Santu hu l-aġent interjuri li jixhed għall-adozzjoni billi jnebbaħ fina l-istess talba u relazzjoni ta' Ġesù u bih insejħu lil Alla **"Abba"**, Pa! (ara Gal 4:6; Rm 8:14, 29).

Is-sentimenti ta' omm lejn uliedha huma wkoll f'Alla. Il-kelma **"rahamim"** tfisser **"it-tenerezza kollha karezzi"** ta' omm (fit-traduzzjoni Maltija insibuha hekk: tjieba, ħniena, twajjeb). Dil-kelma tiddeskrivi lil Alla f'relazzjoni magħna (Salm 25:6; 116:5). Ifarraġna bħal omm (Is 66:13); hu jibqa' jieħu ħsiebna anki jekk omm tinsa t-tarbija tagħha (Is 49:15). Irabbina b'għożża kbira (Hos 11:1.3). Jerfagħna fuq dirgħajh u jħaddanna ma' ħaddejh u jitmagħna (Hos 11:4). Jitqanqal ħafna minħabba t-tbatija tagħna (Hos 11:8).

Issa, filwaqt li hu Alla kollu ħlewwa u jgħożżna bħal ħabba ta' għajnu (Is 43:4), imma hu Alla li ma jridx fsied għax il-fsied iħassar il-karattru u għalhekk ma jonqosx li jbeżbiża lil dawk li jħobb (ara Lhud 12:7-10) biex jedukahom, **"biex niksbu sehem fil-qdusija tiegħu"**. Ma ninsewx li lil Ibnu l-waħdieni, li fih isib il-għaxqa tiegħu, bagħtu fostna biex isalvana b'mezz tassew ikraħ: il-piena kapitali ta' l-Imperu Ruman: il-kruċifissjoni, kif tgħid il-Bibbja li Ġesù sar saħta għalina biex tinżel il-barka fuqna! Hu Missier li jħobbna b'imħabba tremenda, imma mħabba li tibdilna u tagħmilna ġodda. Moħħna jrid jgħaddi ħafna ħin ma' Alla biex jaċċettah kif inhu tassew. Naħtfu din il-grazzja, ngħoddsu fl-imħabba ta' Alla. •





# Min hu SATANA

**L-isem ta' 'Satana' ġej mil-lingwa Ebrajka 'Sa'tan" li jfisser avversarju, għadu, xiħadd li jippersegwita, akkużatur, giddieb. L-iskop tiegħu hu li jiżra' l-firda fost il-bnedmin permezz tal-konfużjoni, in-nuqqas ta' ftehim u d-dnub.**

Il-kelma 'Satana' bil-Grieg hija 'Diabolos', espressjoni li ġejja mill-verb 'diaballo' li jfisser tifred, tbiegħed minn xulxin. Dan juri li x-xogħol prinċipali ta' Satana huwa li jifridna (ibiegħdna) mis-salvazzjoni li tana Alla permezz ta' Ġesù Kristu. Imma mhux biss, huwa joħloq anki firda bejnietna għax jaf li Ġesù qal: 'minn dan jagħrfukom li intom dixxipli tiegħi, mill-imħabba ta' bejnietkom'. Mela meta Satana jirnexxielu jwaqqaf tnejn milli jħobbu lil xulxin, dawn ma jistgħux jissejħu aktar dixxipli ta' Kristu u wkoll ma jistgħux jagħtu aktar xhieda tal-Mulej Ġesù. Satana huwa l-persunaġġ responsabbli minn dak kollu li jmur kontra l-opra salvifika ta' Alla.

F'din il-ħidma Satana mhuwiex waħdu. Miegħu hemm għadd ta' spirti negattivi (ara Ef 6:12) li jissejħu 'demonji' u li flimkien jifformaw renju, saltna (ara Mt 12:25) immexxija minn Satana. Huma jaħdmu biex isieħbu magħhom lill-bniedem fir-ribelljoni kontra Alla. Iżda 'permezz ta' Kristu, Alla jikkonferma ir-rebħa tiegħu fuq il-ħażin' (mill-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika 74). Huma jaħdmu fid-dinja b'mibegħda lejn Alla u lejn il-bniedem u jużaw kull mezz biex iferuna għaliex huma jafu li aħna ġejna ddestinati biex jum wieħed inkunu f'dak il-post li fih huma qatt ma jistgħu jkunu. Din timliehom b'għira u mibegħda kbira lejn il-bniedem, għira li twassalhom biex jagħmlu kull sforz possibbli biex iwassluna flimkien magħhom għat-telfien ta' dejjem.

Il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-udjenza ġenerali tat-13 t'Awissu 1986 jgħid: ***'L-Ispirtu negattiv jaħdem bis-sħiħ biex jiżra fil-bniedem l istess atteġġjament tiegħu, atteġġjament ta' rivalità, ta' suppervja u oppożizzjoni għal Alla. Din saret il-motivazzjoni prinċipali ta' l-eżistenza tiegħu'.***

U l-Papa Pawlu VI fl-udjenza ġenerali tal-15 ta' Novembru 1972 jispjega l-attività tax-xitan fil-konfront tal-bniedem b'dan il-mod: ***'Huwa l-għadu moħbi (okkult) li jiżra' l-firda, il-mibegħda u l-falliment fil-bniedem. Tajjeb niftakru fil-parabbola tal-qamħ u s-sikrana li turi li l-fatti illoġiċi li kultant ngħaddu minnhom jistgħu jkunu ġejjin minnu: inimicis homo hoc fecit (xi għadu tiegħi għamilli dan) (ara Mt 13:28). Huwa l-qattiel sa mill-bidu... il-missier tal-gideb, kif isejjaħlu Kristu nnifsu (ara Ġw 8:44). Huwa dak li jattakka l-ekwilibriju morali tal-bniedem. Huwa dak li bil-makakkerija tiegħu jasal għal bniedem permezz tas-sensi, tal-fantasija, tal-konkupixxenza u permezz ta' relazzjonijiet soċjali disordinati. Tkun ħaġa tajba li jsir studju dwar dan il-kapitlu importanti fid-duttrina Kattolika dwar Satana u dwar l-influss tiegħu fuq il-bniedem, fuq is-soċjetà, fuq persuni individwali jew fuq ġrajjiet li ngħaddu minnhom... X'inhu llum il-bżonn prinċipali tal-Knisja? Forsi ir-risposta tidher sempliċistika jew superstizzjuża jew saħanisitra irreali; wieħed mill-bżonnijiet kbar u urġenti li għandha l-Knisja llum huwa li tiddefendi ruħha minn dak il-ħażen li jissejjaħ Demonju'.*** •



Patri, jiena raġel miżżewweġ li mmur nisma' l-quddies kuljum fil-knisja parrokkjali ta' fejn noqgħod. F'dawn l-aħħar żminijiet inġbidt bil-kif lejn abbati. Barra li hu tifel simpatiku, jidher li hu wkoll bl-għaqal ħafna. Jaf iġib ruħu tassew ta' kbir fuq l-artal. Barra minn hekk għandu l-manjieri. Ma jistax ikun ma tinġlbidx lejh. Jien fittixt li nsir nafu mill-qrib u fil-fatt sirna ħbieb. Sa hawn ma ġara xejn. Bejni u bejn ruħi għedt: "Min jaf kemm għandu ġenituri minn tagħna dan l-abbati!" Fittixt li nsir nafhom, u naturalment bla ebda skop ħażin, u ma kienx mument li sirt nafhom, għaliex ħadt grazzja ma' ommu. Sirt naf li tkun tisma' l-istess quddiesa li nisma' jien. Fejn qabel kont noqgħod fil-bankijiet ta' quddiem, issa bdejt noqgħod lura biex noqgħod inħares lejha, naturalment mhux b'għajn żienja, imma għax laqtitni ħafna. Inti x'jidhirlek minn dak li ġrali? Qed nagħmel xi ħaġa ħażina b'dak li għedtek fl-aħħar ta' l-ittra?

***Patri William iwieġeb...***

*Nibda biex ngħidlek li ma għedtli xejn ta' l-iskantament. Ma għedtli xejn ġdid. Madankollu wieħed irid ikun għassa fuqu nnifsu għaliex is-sitwazzjoni tibda tikkomplika ruħha u mbagħad issir perikoluża moralment. Ftakar li fina hemm parti inkonxja li tgħidx kemm tilgħab bina f'sitwazzjonijiet simili, l-iżjed meta l-affarijiet jibdew deħlin 'il ġewwa, bħalma hu l-każ tiegħek. Inti tibda taħseb li inti innoċenti f'kulma tibda tagħmel, - mingħalik tkun qed tħares lejn mara bla ebda skop ħażin - u dik l-innoċenza diġà tkun qed iġġib il-maskra fuq wiċċha.*

*Li nġbidt lejn l-abbati għax rajtu grazzjuż u bil-għaqal fl-imġiba tiegħu, b'daqshekk ma ġara xejn ħażin. Kulħadd għandu għajnejh f'wiċċu. Fejn hemm il-valuri inkarnati f'persuna, dak li jkun bilfors jarahom u jinġibed.*

*M'hemmx x'tagħmel. Madankollu min jaf kemm hemm parruċċani li osservaw dak li osservajt inti fit-tifel li qegħdin nitkellmu fuqu, u waqfu s'hemm. Li fittixt li tkellmu u li ssir tafu lanqas din ma fiha xejn. Inti stess għedt li għamilt hekk b'qalb safja. U dan importanti ħafna, għax iżommok f'postok.*

*Li ma qbiltx miegħek li ridt tkun taf min huma ommu u missieru. Din kienet ħaġa żejda. Hawnhekk ma kontx prudenti. Suppost issoponejt x'jista' jiġrilek f'sitwazzjonijiet bħal dawn, li jistgħu jinqalbu u jsiru mbroljuni. Li kieku sirt tafhom bla ħsieb ma kont ngħidlek xejn, imma li rajt kif għamilt biex ikollok konoxxenza tagħhom, nara li żlaqt fin-niexef u sibt ruħek fejn sibt ruħek: beda l-interess morbus u ambigwu f'omm l-abbati.*

*Meta tmur għall-quddiesa mur biex tfaħħar 'l Alla, imma tmurx biex tfittex l-okkażjoni, ħalli toqgħod tħares lejn omm l-abbati.*

*Dan ifisser li diġà beda jteptep fuq il-fedeltà taż-żwieġ tiegħek. Mhux ħaġa sabiħa biddilt postok fil-knisja biex toqgħod tħares lejn mara miżżewġa, avolja qed tagħmel hekk mhux b'ħars żieni. Lanqas ma hi edukazzjoni. Jekk mhux se terġa' ssib postok fejn kont toqgħod sa ftit żmien ilu, il-ħars tiegħek mhux se jibqa' innoċenti, imma se jsir żgur indeċenti. Ma jibqax ħars biss għax jibdew il-ħsibijiet, l-immaġinazzjonijiet, il-fantasiji, ix-xewqat... U ma tibqax ħajja miżżewġa l-ħajja tiegħek.*

*Għadek fil-bidu ta' esperjenza ġdida fil ħajja tiegħek. Isma' minni: ieqaf kemm mill-interess żejjed tiegħek fl-abbati u iżjed u iżjed milli tkompli tiffomenta l-ġibda tiegħek lejn ommu. Tgħaddix sena mħawwad minħabba din il-ħaġa. B'hekk tgħix fis-sliem u Alla jkun kuntent biż-żwieġ tiegħek għax ikun mimli fedeltà lejn martek, speċjalment.* •



# IL-FAMILJA FL-EWROPA QUO VADIS?

Illum iktar minn qatt qabel, minbarra l-konferenzi u l-attivitajiet li jsiru, qed inkunu letteralment ibbumbardjati b'materjal bħal fuljetti, kotba u mezzi awdjo-viżivi fuq l-Ewropa li wħud minnhom jaslulna d-dar b'xejn. Jiena naqbel għax tal-fehma li tajjeb li kulħadd ikun jaf dwar dan il-grupp li s'issa jħaddan 25 pajjiż, fosthom Malta. Iżda jiena preokkupat ħafna li t-tagħrif li jaslilna huwa pjuttost ta' xejra politika: laqgħat, deċiżjonijiet, direttivi, proklami jew inkella ta' xeħta ekonomika: tassew ftit li xejn biex ngħid il-verità. Ġieli jasal ukoll ħjiel dwar drittijiet għax l-obbligi u l-piżijiet huma ferm aktar impenjattivi; jew tagħrif edukattiv, imma dwar dan aħjar nieqfu hawn u ma nikkumentawx!



Żgur li ma jaslilna xejn fuq il-qagħda vera tal-familji fl-Ewropa. Xejn mhu qed inkunu mgħarrfa fuq il-perikli kbar li qed tiffaċċja l-familja fl-Ewropa. Dan mhux jien qed ngħidu, imma huwa r-riżultat ta' studju: Rapport fuq l-evoluzzjoni tal-Familja fl-Ewropa-2006, li ġie ppubblikat mill-istitut għall-politika tal-familja bbażat fi Spanja fl-okkażjoni tal-ħames Kungress Dinji tal-Familji Insara li sar f'Valenzja fi Spanja f'Mejju li għadda. L-Istudju wera l-ħtieġa ta' kuxjenza iktar sensibbli dwar il-ħarsien tal-familja u dwar il-ħajja ta' l-istess familja. Madankollu minkejja t-tħassib serju li ntwera, il-familja fl-Ewropa u allura anki f'Malta taħt ċerti aspetti, tinsab taħt pressjoni tant kbira li jekk ma jinstabx rimedju, tassew ma nafx x'jista' jiġri.

L-istudju meta jsemmi t-tnaqqis drastiku fir-rata tat-twelid jirreferi għall-sensiela ta' artikli ppubblikati mill-BBC f'Marzu li għadda. F'wieħed minn dawn l-artikli rriżulta li jekk ir-rati tat-twelid kurrenti jitqiesu reali mhux eskluż li sas-sena 2050 il-popolazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea se tinżel tant li tkun daqs dik ta' l-Istati Uniti, fejn l-abitanti huma ferm inqas milli fl-Unjoni Ewropea. It-tnaqqis fir-rata tat-twelid wassal għall-konsegwenza li l-popolazzjoni xjaħet aktar. Ta' min iżid li filwaqt li ż-żwiġijiet qed jonqsu, qed tkompli togħla l-età taż-żwieġ. Fis-snin 1980-2004 iż-żwiġijiet fil-25 pajjiż ta' l-UE naqsu b'663,600 meta jitqies li l-popolazzjoni fl-UE żdiedet b'31.1 miljun. Fis-sena 2003 l-età medja ta' dawk li jiżżewġu kienet ta' 30 sena għar-raġel u ta' 27.7 għall-mara meta fl-1980 ir-raġel normalment kien jiżżewweġ ta' 26 sena u l-mara ta' 23.3. Dan ifisser li jekk se tkompli togħla r-rata ta' l-età taż-żwieġ se tonqos ir-rata tat-twelid.

Dejjem skond il-BBC, f'għadd ta' pajjiżi ta' l-UE, fosthom il-Polonja, diġà hawn 10% tan-nisa li laħqu l-età ta' 45 sena u għad m'għandomx tfal. Skond is-soċjologa Catherine Hakim, lecturer fil-London School of Economics, din kienet għażla persunali minn dawn in-nisa **"għaliex fil-kuxjenza tagħhom iħossu li llum il-ħajja tal-familja hija differenti."** Fl-istess ħin Hakim bassret ukoll li l-għadd ta' nisa ta' dan it-tip se jirdoppja f'ċerti pajjiżi u jitla' għal 20% u forsi wkoll għal 30% bħal eventwalment fil-każ tal-Ġermanja. Il-BBC saħaq li l-piż ekonomiku għandu biss parti żgħira f'din il-bidla ta' mentalità. Il-fatt hu li ħafna iktar nisa minflok jiżżewġu ta' età iżgħar qed jippreferu jattendu xi istituzzjoni edukattiva għolja jew imorru l-ewwel



l-Università minn fejn jiggradwaw bil-għan li jsibu xogħol qabel ma jiddeċiedu li jibdew familja.

Jiena u nikteb dan il-paragrafu moħħi mar għall-Pastorali ta' l-Isqfijiet ta' nhar Santa Marija. Fl-opinjoni fqira tiegħi żbalja min qal li l-Pastorali 'ma qalet xejn ġdid', u żbalja bl-oħxon min waqaf u rrileva biss paragrafu, anzi, l-vers: **"Imbagħad, għal dawk il-każi fejn il-mara, kif hu dritt tagħha, tagħżel li toħroġ taħdem..."** Il-ġurnali, l-istazzjonijiet radju-televiżivi, aħjar ma ngħidx il-ġurnalisti (sic!), kollha kemm huma raw f'dan il-vers bidla fix-xejra tal-Knisja lokali. Kien hemm min b'mod tassew banali kiteb jew qal: **"Deher ċar li l-Pastorali tfasslet b'mentalità innovattiva"**, b'riferenza għall-Isqof il-ġdid ta' Għawdex. Jaħasra! X'ideat fqar u vojta! Aħjar komplew jaqraw il-paragrafu sħiħ biex forsi jifhmu x'riedu jfissru tassew l-Isqfijiet Maltin: **"...is-soċjetà għandha taħseb biex ikollha qafas legali mfassal skond il-ħtiġiet proprji tal-mara, iktar u iktar jekk din tkun trid tlaħħaq ma' l-impenn ewlieni tagħha li hu l-familja."**

Nerġgħu għall-istudju li konna qed ngħidu dwaru. Għalkemm żdied ukoll l-għadd ta' tfal mwielda barra ż-żwieġ, l-istudju ma setax ifassal statistika mqabbla kif suppost, minħabba li għad ma għaddiex żmien biżżejjed mid-dħul ta' l-aħħar grupp ta' għaxar pajjiżi li ssieħbu ma' l-UE u għalhekk il-persentaġġ għall-25 pajjiżi msieħba ta' 31.6% li nagħta għas-sena 2004 huwa xi ftit jew wisq approssimattiv. Minkejja dan, ta' min jagħti daqqa t'għajn lejn il-15-il pajjiż, ngħidulhom aħna l-qodma, li fl-1980 kienu biss 9.6% it-tfal li twieldu barra ż-żwieġ jew minn ommijiet waħedhom, filwaqt li fis-sena 2004 il-medja telgħet, biex ma ngħidx sparat, għal 32.8%, bl-ogħla rata fl-Iżvezja ta' 55.4%, id-Danimarka 45.4%, Franza 45.2%, ir-Renju Unit 42.3%. Pajjiżi iktar qribna rreġistraw rati iktar baxxi: l-Italja 14.9% u l-Greċja 4.9%. X'konsolazzjoni!

Dejjem meta mqabbla mal-15-il pajjiż ta' l-UE, ir-rata tad-divorzju għoliet kważi bin-nofs f'madwar 15-il sena. Aktar minn 10 miljun żwieġ ġie fix-xejn bil-konsegwenza li ġew effetwati iktar minn 16-il miljun tfal. Meta nitkellmu fuq divorzju jiena ma nistax ma nagħtix ħarsa madwari u nintebaħ kemm hawn min qiegħed irewwaħ bi skuża jew oħra. Bħali tisimgħu l-istazzjonijiet tar-radju fejn f'diskussjonijiet ad hoc nies partikulari jesprimu l-opinjoni tagħhom u filwaqt li jiċħdu li huma favur id-divorzju ma jeskludux li minħabba ċirkustanzi u ċerti sitwazzjonijiet, speċjalment meta jitqiesu fil-kuntest ta' l-UE, id-divorzju jista' jidħol f'Malta wkoll. Fuq ġurnal partikulari, persuna ddikjarat pubblikament li jekk tkun fil-Parlament lesta tivvota favur id-divorzju. U xi ngħidu għal ċerti programmi televiżivi fejn wasalna biex inqiegħdu anki f'ħalq tfal innoċenti, b'irresponsabiltà kbira mill-ġenituri tagħhom u minn dawk li jmexxu l-programmi, mistoqsijiet favur id-divorzju! Imma l-iktar li laqatni kien paragrafu f'kitba f'rivista(?) li titqassam ma' ġurnal lokali ta' nhar ta' Ħadd u jixtieq inħalli lilek, għażiż qarrej, li tiġġudika u jekk trid tikkonkludi:

***"Indeed, falling in love is madness. But so is staying in a relationship which is not working. Thankfully, relationships are no longer seen as obligations to keep at all costs. When your ties with someone start to tie you up and a relationship turns from a bond to a burden, you can very well pack your bags and leave. After all, life is too short to waste it on a toxic partner."***

Lil hemm minn kull espressjoni ċinika li fih dan il-paragrafu, dan huwa tagħlim qarrieq u devjanti għall-aħħar. Nistaqsi u nieqaf: fejn hi r-responsabbiltà tal-PR tal-Kurja lejn il-poplu ta' Alla? Hemm min qed isegwi? Jew għaliex issa aħna wkoll membri ta' l-UE, allura nimxu mat-tran tran? •

# IT-TALB MAL-MORDA

It-talb ifisser il-laqgħa tal- bniedem ma' Alla. Din il-laqgħa tista' tieħu diversi forom. Fost l-oħrajn, rigward it-talb mal-morda nsibu s-Sagrament tad-Dlik tal-Morda u talb spontanju. Dan it-talb irid ikun ġej minn konvinzjoni permezz tal-fidi u mhux biss minn devozzjoni.

Il-Knisja Kattolika b'turija ta' l-interess u t-tagħlim dwar it-talb għall-fejqan fl-14 ta' Settembru 2000 ħarġet l-Istruzzjoni fuq Talb għall-Fejqan.

Dwar it-talb għall-fejqan insibu lil Ġesù li kien jgħallem u jfejjaq bħala l-missjoni prinċipali tiegħu. Din il-missjoni Kristu ħalliha f'idejn il-Knisja:

**"F'kull belt li fiha tmorru u jilqgħukom... fejqu l-morda li jkun hemm, lin-nies għidulhom, is-Saltna ta' Alla waslitilkom"** (Lq 10:8-9).

San Pawl jitkellem b'mod ċar dwar il-fejqan: **"Hemm imbagħad diversi doni, imma wieħed hu l-Ispirtu... lil wieħed tingħata... lill-ieħor id-don tal-fejqan mill-istess Spirtu... dan kollu jaħdmu l-istess Spirtu wieħed li jqassam lil kull wieħed kif jogħġbu"** (1Kor 9:4.9.11).

Insibu wkoll xi individwi li wettqu din il-karizma fil-Knisja, bħal **"Filippu niżel f'belt tas-Samarija u xandar lil Kristu lin-nies tagħha. Il-folol tan-nies b'fehma waħda kienu joqogħdu attenti għal dak li kien jgħidilhom Filippu, meta kienu jisimgħuh u jaraw il-mirakli li kien jagħmel. Kien hemm nies... mifluġa jew zopop, kienu jitfejqu"** (Atti 8, 5-7).



**"Pawlu u Barnaba baqgħu għal ftit sewwa jitkellmu bi qlubija kbira fuq il- Mulej. Hu stess kien jixhed għall-kelma tal-grazzja tiegħu b'sinjali u mirakli li kienu jsiru permezz tagħhom"** u **"Stiefnu kollu grazzja u qawwa kien jagħmel il-mirakli u sinjali kbar fost il-poplu"** (Atti 14:3.6.8)

Tajjeb li nifhmu sewwa li l-bniedem m'għandux bżonn biss ta' fejqan fiżiku, iżda anki dak spiritwali, mentali u emozzjonali. Fil-fatt id-dnub jista' jimblokka l fejqan, għaliex id dnub huwa ċ ċaħda ta' Alla f'ħajjitna. Dan irid ifakkarna li l-fejqan jiġi mill-imħabba u l-ħniena ta' Alla. Iżda dawk li ma jfiqux fiżikament ma jfissirx li ma jkollomx fejqan, għaliex l-ewwel fejqan għandu jkun dak spiritwali. X'jiswa li l-bniedem ifiq fiżikament bl-imħabba ta' Alla u mbagħad ma jagħtix każ ta' Alla, tiegħu nnifsu jew ma jimpurtahx jekk iweġġgħax lil ħaddieħor. Għalhekk aħna fit-talb tagħna għandna nitolbu biex issir ir-rieda ta' Alla u mhux dak li naħsbu li hu tajjeb għalina. Kemm għandna fidi f'Alla? Aħna li rridu nippjanaw ħajjitna waħidna, waqt li irridu nikkmandaw f'kollox anki lil Alla x'għandu jagħmel. Inkella, jekk Alla ma jagħtiniex dak li nitolbuh nissuppervjaw għaliex irridu nkunu komdi. Il-qofol ta' dan kollu għaliex il-bniedem jibża' li jbati. Min ma jidħolx fit-tbatija sa jbati doppju għaliex ma jkollux sens fit-tbatija, iżda jħossha bħala piż jew aħjar toqol biss.

Santu Wistin iqabbel dan kollu ma' ajkla li għandha par ġwienaħ li fihom infushom huma tqal għall-ajkla. Però l-ajkla ttir permezz tal-ġwienaħ. Mela dawn itaqqlu u jgħollu lill-ajkla. Hekk hija tbatija meta naċċettawha u ngħixuha. Bil-għajnuna u l-grazzja ta' Alla biss inkunu nistgħu nifhmu aktar is-sens tat-tbatija, waqt li tista' sservi wkoll biex nitfejqu mill-weġgħat tagħna billi nersqu aktar lejn Alla. Ġesù Kristu mhux biss ta sens lit-tbatija, iżda wkoll poġġa fiha qawwa redentiva ta' salvazzjoni u fejqan, billi għex it-tbatija huwa stess u qam minn bejn l-imwiet. It-tbatija rridu noffruha bħalma għamel Ġesù minn fuq is-salib.

Għalhekk fil-Knisja nsibu l-fejqan tal-bniedem fis-Sagrament tal-Qrar, tat-Tqarbin u dak tad-Dlik tal-Morda. Nistgħu nsibu wkoll it-talb għall-fejqan, il-healing Service. Kristu stess qal li fejn ikun hemm tnejn jew tlieta f'ismu hemm ikun hu.

Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni (tal-Qrar) ineħħi kull ħaġa li tista' timblokka l-fejqan fejn terġa' tirrikonċilja ruħek, billi terġa' tagħmel ħbieb mill-ġdid ma' Alla, miegħek innifsek u ma' ħaddieħor. Allura huwa sagrament ta' mħabba li jagħti fejqan spiritwali. Dan is-sagrament jgħin lill-bniedem biex ikun disponibbli ħalli jaċċetta lil Alla u l-fejqan meħtieġ għalih.

Rigward tas-sagrament ta' l-Ewkaristija nsibu li sa mill-bidu tal-Knisja kienu jwasslu l-Ewkaristija lill-morda fid-djar tagħhom. Fil-fatt il-quddiesa hija l-aqwa talba għaliex kull quddiesa hija ta' fejqan. Kristu dejjem irid ifejjaq f'kull quddiesa u għalhekk huwa jistedinna biex nirċevuh. Dan hu l-ħaruf ta' Alla. Dan hu li jneħħi d-dnubiet tad-dinja. Henjin dawk li huma mistiedna għall-ikla tal-ħaruf. L-Ewkaristija hija Kristu stess li għadu jfejjaq lil kull persuna skond il-ħtiġijiet tagħha. F'dan is-sens ukoll isir il-quddies fil-kappelli u fis-swali ta' l-isptarijiet, filwaqt li jsir ukoll it-tqarbin lill-morda fis-swali ta' l-isptarijiet.

Waqt li s-Sagrament tad-Dlik tal-Morda huwa talb liturġiku fil-knisja apposta għall-morda, l-effetti ta' dan is-sagrament mhux biss insibuhom miktubin fl-Evanġelju ta' San Mark u izjed ċar fl-ittra ta' San Ġakbu, iżda mmissuhom b'idejna stess. Aħna lkoll xhieda ta' dan. Fl-ittra ta' San Ġakbu nsibu **"Hemm xi ħadd marid fostkom? Halli dan isejjaħ lill-Presbiteri tal-Knisja u ħalli dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej: it-talba tal-fidi ssalva lill-marid u l-Mulej iqajmu u jekk ikun għamel xi dnubiet jinħafrulu"** (5:14-15).

Min-naħa l-oħra nsibu wkoll postijiet ta' devozzjoni marbutin mal-fejqan, bħal Lourdes flimkien mas-santwarju ta' San Martin ta' Tours. Tant li għalhekk f'dawn il-postijiet isiru ħafna pellegrinaġġi. Hawn nindunaw li l-fejqan mhux marbut mal-kariżma tal-fejqan, iżda mal-fidi fil-laqgħa ta' talb. Irridu niftakru wkoll fit-talb ta' l-interċessjoni. Ħafna nies jitolbu għal ħaddieħor. **"U ġew xi rġiel iġorru wieħed mifluġ fuq mitraħ; huma bdew ifittxu li jdaħħlu lil dan il-bniedem ġewwa u jqegħduhulu quddiemu, iżda minħabba l-folla ma sabux minn fejn setgħu jidħlu bih. Għalhekk telgħu fuq il-bejt u niżżluh bil-mitraħ b'kollox minn bejn ix-xorok f'nofs in-nies quddiem Ġesù"**. Meta hu ra l-fidi tagħhom qallu: **"Habib, dnubietek maħfura"** (Lq 5:18-20).

Dan jgħinna nifhmu wkoll iż-żjajjar lill-morda mill-patrijiet, kappillani, saċerdoti u mill-membri ta' l-għaqdiet reliġjużi. Fost l-aktar insibu għaqdiet li jmorru jżuru lill-morda, xi wħud b'xi relikwa ta' xi beati jew ta' qaddisin. L-importanti li ma jesaġerawx u l-aħjar li jkunu mħarrġa kif iġibu ruħhom mal-morda. Insibu ukoll persuni ta' setet jew reliġjonijiet oħra. Hawn tajjeb li naraw l-importanza li nkunu nafu u niftakru fl-etika rigward id-dritt tat-twemmin tal-persuni morda. Irridu nirrispettaw lil xulxin. Hekk kulħadd jista' jitlob mal-pazjent skond it-twemmin tiegħu.

Dan kollu jgħinna nifhmu l-bżonn u l-importanza tat-talb mal-morda mhux biss fid-djar, iżda anki fl-isptar. •

# ROKNA GĦAT-TFAL

## AQTA' MIN?

1. Min qatel lil Abel? (Ġen 4,8)
2. Min bena l-arka tad-dulluvju? (Ġen 6,14)
3. Din reġgħet lura b'werqa taż-żebbuġ. (Ġen 8,11)
4. Min sab il-qoffa bit-tarbija fix-xmara? (Eż 2,5-6)
5. Min kien it-tifel ta' ġol-qoffa? (Eż 2,10)
6. Min kienet Siffora? (Eż 2,210)
7. Alla ħalla l-poplu tiegħu f-idejh. (Ġoż 1,2)
8. Din laqgħat għandha l-ispjuni ta' Ġożwe. (Ġoż 2,3)
9. Dan ġab gwajj fuq il-poplu ta' Ġożwe. (Ġoż 7,20-21)
10. Lil min għażel Ġuda biex jgħinu? (Mħ 1,3)
11. Kellu sebgħin sultan umiljati f'daru. (Mħ 1,7)
12. Dan qatel li-sultan u ħeles lil Iżrael. (Mħ 3, 20-21)

---

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana VLT 14.**

**Ir-Rebbieħa ta' JANNAR 2006 hija: Martha Micallef minn San Ġwann. Nifirħulek!**

# TISLIBA - 69



1. Kien hemm iż-żwiemel miegħu. (Zak 6,2) **(5)**
2. Il-quċċata ta' din. (Għam 9,3) **(6)**
3. Derhet u rajnieha. (1 Ġw 1,2) **(5)**
4. Min... ngħawweġ. (Bar 2,18) **(5)**
5. jekk għal dawn jaħtfuhom. (Mik 2,2) **(4)**
6. Xi trid tagħmel lejn Xaddaj. (Ġob 22,23) **(5)**
7. *Hares lejna*, aħna scjrin. (1 Sam 14,8) **(5)**
8. Biex tagħmlu xi ħaġa *aktar*. (1 Tess 4,1) **(5)**
9. La deheb, la fidda u anqas dan. (Mt 10,9) **(3)**
10. La jirgħu u lanqas... (Ġona 3,7) **(7)**
11. u 12. X'kienu dawn ta' Ġuda. (Hos 1,1) (6)
13. Dan baqa' Korintu. (2 Tim 4,20) **(6)**
14. B'..., deheb, ġid. (Esd 1,4) **(5)**
15. Qalulu jkllimhom b'dan l-ilsien. (Is 36,11) **(5)**
16. Is-sbuħija ta'... (Ġak 1,11) **(5)**
17. Kontra d-demm u dan. (Efes 6,12) (5)
18. Hekk jagħmlu b'ilsienhom. (Rum 3,13) **(7)**
19. Bin min jissejjaħ. (Lq 1,35) **(4)**
20. Kisser l-idolu u ħarqu. (1 Slat 15,13) **(3)**
21. Bagħat id-dlam u hekk sar. (S 105,28) **(5)**
22. ... dak kollu li hu meħtieġ. (2 Pt 1,3) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' JANNAR 2007:**
***1. Żeraħ; 2. Hanina; 3. Salib; 4. Miksi; 5. Asaf; 6. Immut; 7. Elasa; 8. Insum; 9. Abi; 10. Issofru; 11. u 12. Hażżeż; 13. Effata; 14. Ajkla; 15. Beraħ; 16. Qamar; 17. Dnubu; 18. Jinbena; 19. Nisa; 20. Fin; 21. Lesta; 22. Artab.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14***

**Ir-Rebbieħa ta' JANNAR 2006 huwa: Nadia Scerri minn Tas-Sliema. Nifirħulek!**



# JOHN MICHAEL TALBOT

## it-Troubadour tal-Mulej

**John Michael Talbot jibqa' ttimbrat f'moħħi u f'qalbi bħala wieħed mill-ewwel kantanti li kont bdejt nieħu gost nisma' fl-adolexxenza tiegħi. Il-mużika ħelwa, (soothing bl-Ingliż) flimkien mal-leħen seren, u fl-istess ħin sod, ta' Talbot, kienu jaffaxxinawni u jsaħħruni biex nisma' iżjed. Fost l-ewwel albums li kont nisma' kien hemm The Quiet Collection, The Master Musician u The Hiding Place, fost oħrajn. Mużika bħal din kienet taqtagħli l-għatx għal Ġesù meta kont noqgħod nismagħha f'xi post kwiet u naħseb dwar ħajti u l-Ħallieq tiegħi.**




Fil-bidu tas-snin 70, meta kellu tmintax-il sena, ingħaqad mar-rock group Mason Proffit flimkien ma' ħuh. Lejla waħda, wara li spiċċaw il-kunċert tagħhom, Talbot mar jittawwal fl-arena ta' l-ispettaklu u ma rax ħlief fliexken vojta, laned tal-birra u affarijiet li għandhom x'jaqsmu mad-droga. F'daqqa waħda l-ħajja tar-rock dehret vojta u bla sens. Kienet l-ewwel sejħa għal dan iż-żagħżugħ biex ikompli jfittex xi ħaġa ogħla. Kien mument profond li ġiegħlu jħares lura lejn l-għażliet li kien għamel f'ħajtu.

Għaddew erba' snin u Talbot baqa' jfittex tweġiba għal ħajtu. Beda jaqra kotba reliġjużi u filosofiċi, jesplora reliġjonijiet bħall-Buddiżmu, Induwiżmu, Ġudaiżmu u r-reliġjon Nisranija. Beda jaħdem f'razzett, ibigħ il-ħaxix matul il-ġurnata u jistudja bil-lejl, sakemm fl-aħħar kellu laqgħa personali ma' Ġesù Kristu. Hawnhekk sab it-tweġiba li kien ilu jfittex u ħaddan ir-reliġjon Kattolika.

Talbot jemmen li l-mużika Kristjana tressqek lejn il-qalb ta' Ġesù, tesprimi l-misteru u toħroġ għad-dawl dak li hu 'l fuq mir-raġuni umana. Għalih ir-rwol tal-mużiċista nisrani huwa li jmexxi l-poplu t'Alla permezz tal-kant. Fil-fatt huwa dewwaq il-mużika tiegħu lil nies prominenti bħall-Papa u Madre Tereża, kif ukoll lill-poplu Protestant u 'l dak Kattoliku.

Ispirat mill-ħajja ta' San Franġisk t'Assisi, Talbot biegħ kulma kellu u ngħaqad ma' l-Ordni Franġiskan Sekular fl-1978. Bena eremitaġġ fil-bosk u ħoloq tunika għalih. Hemmhekk xtaq jgħaddi ż-żmien fit-talb u l-meditazzjoni. Minn hemmhekk huwa waqqaf dar għat-talb, The Little Portion, fejn beda jaqsam l-esperjenza tiegħu mal-Mulej man-nies. Malajr bdew jinġabru miegħu għadd kbir ta' nies biex jitolbu u jfittxu lill-Ispirtu. Huwa kien jagħtihom merħba u jmexxihom fit-talb bis-songs li kien jikteb, ispirat mill-Kotba Mqaddsa.

Minħabba l-ħafna nies li kienu qed iżuruh, Talbot waqqaf komunità u beda music ministry. Fl-1982 waqqaf l-eremitaġġ ta' The Little Portion. Il-biċċa art li kien għad fadallu bidilha f'komunità mibnija fuq il-monastiċiżmu. L-għan ewlieni ta' din il-komunità, il-Brothers and Sister of Charity, hija l-kontemplazzjoni. Tħaddan fiha nies ċelibi, koppji miżżewġin, kif ukoll familji sħaħ. Kull membru jieħu l-voti tal-kastità, faqar u ubbidjenza, u jwettaq dan skond l-istat ta' ħajja li jkun qed jgħix. Il-komunità tgħix b'dak li tkabbar hi stess kif ukoll bl-għajnuna tal-benefatturi.

Illum Talbot jorganizza ħafna kunċerti madwar l-Amerka, kif ukoll mezz ta' ministeru fi ħdan il-komunità. Dan l-apostolat isejjaħlu Itinerant Prayer Walks. Barra minn dan, il-komunità Little Portion tappoġġja missjonijiet madwar id-dinja bħal fl-Afrika, l-Afganistan u l-Jugoslavja.

Waqt li kien qed jirrifletti dwar ħajtu, Talbot stqarr : ***"Ġesù kien ħafna twajjeb miegħi. Offrieli s-salvazzjoni u tani mezz kif ngħin lill-oħrajn. Fil-fatt, aktar ma ngħix din il-ħajja, aktar nara li r-rwol tagħna bħala komunità huwa sempliċiment li nkunu fidili għal dak li Alla tana. Hekk inkunu qed ngħixu xejn inqas mill-Evanġelju ta' Ġesù Kristu."***

Dawn huma uħud mill-albums li ħareġ John Michael Talbot : ***Signatures, Wisdom, Simple Heart, The Cave of the Heart, The Early Years***, u oħrajn. •



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**P. Crispin Tabone OFMCap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**